



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' April 2022  
(OR. en)

8121/22

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2022/0105(COD)**

---

ENV 341  
COMER 43  
SAN 218  
AGRI 150  
MI 282  
COMPET 234  
CONSOM 91  
IND 114  
ENT 49  
CODEC 482  
IA 41

## PROPOSTA

|                   |                                                                                                                                                                                                                |
|-------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:             | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur                                                                                                                      |
| data meta waslet: | 6 ta' April 2022                                                                                                                                                                                               |
| lil:              | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea                                                                                                                            |
| Nru dok. Cion:    | COM(2022) 157 final                                                                                                                                                                                            |
| Suġġett:          | Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar ir-rapportar ta' <i>data</i> ambjentali minn installazzjonijiet industrijali u l-istabbiliment ta' Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 157 final.

---

Mehmuż: COM(2022) 157 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Strasburgu, 5.4.2022  
COM(2022) 157 final

2022/0105 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar ir-rapportar ta' *data* ambjentali minn installazzjonijiet industrijali u l-  
istabbiliment ta' Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2022) 169 final} - {SWD(2022) 111 final} - {SWD(2022) 112 final} -  
{SWD(2022) 113 final}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Ir-Regolament (KE) Nru 166/2006<sup>1</sup> (ir-Regolament) stabbilixxa r-Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti (PRTR Ewropew), bħala r-reġistru madwar l-Ewropa li jipprovdi aċċess pubbliku għal *data* ambjentali ewlenija minn faċilitajiet industrijali li jinsabu fl-UE, fl-Iżlanda, fil-Liechtenstein u fin-Norveġja. Il-PRTR Ewropew fih *data* rrapportata kull sena minn madwar 30 000 faċilità industrijali li jkopru 65 attività ekonomika madwar l-UE. Ir-Regolament jimplimenta l-Protokoll ta' Kiev tal-2006 dwar ir-Reġistri dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti (Protokoll)<sup>2</sup>, li daħal fis-seħħ fl-2009. Huwa l-uniku strument internazzjonali legalment vinkolanti dwar ir-reġistri tar-rilaxx u t-trasferiment ta' inkwinanti.

Kull sena, l-Istati Membri jibagħtu lill-Kummissjoni rapport li jkun fih *data* sottomessa mill-operaturi ta' faċilitajiet industrijali dwar ir-rilaxx u t-trasferimenti ta' kull faċilità. Imbagħad id-*data* tiġi ppubblikata mill-Kummissjoni fuq sit web pubbliku, bl-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

L-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE tar-Regolament ġew iġġudati bħala parti mill-programm tal-Kummissjoni dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT)<sup>3</sup>. Il-valutazzjoni eżaminat il-benefiċċji tal-PRTR Ewropew kif ukoll il-potenzjal għas-simplifikazzjoni tiegħu u t-tnaqqis tal-kostijiet u l-piżijiet regolatorji. Abbażi ta' din il-valutazzjoni, it-tieni rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament<sup>4</sup> ikkonkluda dan li ġej.

- Il-PRTR Ewropew wera li huwa bażi ta' għarfien kruċjali dwar ir-rilaxxi mill-attivitàjiet industrijali tal-UE. Dan jipprovdi *data* aċċessibbli faċilment u ta' kwalità għolja. Dan jagħti aċċess lill-pubbliku għal din l-informazzjoni siewja, u b'hekk jappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet ambjentali.
- Madankollu, il-PRTR Ewropew jista' jittejjeb aktar u jsir aktar effettiv billi jiġi allinjat mal-obbligi tar-rapportar stabbiliti f'leġislazzjoni ambjentali oħra, kif ukoll billi jintuża għar-rapportar ta' informazzjoni kuntestwali addizzjonali.

Bħala segwitu għal dan ir-rapport ta' implimentazzjoni, twettqu diversi inizjattivi.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar il-ħolqien ta' Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 91/689/KEE u 96/61/KE (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 1).

<sup>2</sup> Il-Protokoll ta' Kiev dwar ir-Reġistri dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti għall-Konvenzjoni tal-UNECE dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid tad-Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali: <https://unece.org/environment-policy/public-participation/prtrs-protocol-text>.

<sup>3</sup> COM(2012) 746 final.

<sup>4</sup> COM(2017) 810 final.

- Inħoloq il-Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali (il-Portal)<sup>5</sup>. Dan jinkludi d-*data* rrapportata kull sena skont ir-Regolament dwar il-PRTR Ewropew, flimkien mad-*data* rrapportata f'konformità mad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali (id-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali – IED)<sup>6</sup>. Dan il-Portal, li ħa post is-sit web tal-PRTR Ewropew, jiġbor flimkien id-*data* dwar l-attivitajiet industrijali rrapportati taħt dawn iż-żewġ liġijiet ambjentali tal-UE.
- Għal informazzjoni kurrentwali addizzjonali, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2022/142<sup>7</sup> stabbiliet unitajiet u metriki li jippermettu lill-operaturi jirrapportaw kull sena dwar il-volum tal-produzzjoni ta' kull faċilità tal-PRTR Ewropew. Ir-rapportar dwar il-volum tal-produzzjoni jsir obbligatorju għall-ewwel darba għas-sena tar-rapportar 2023.

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew<sup>8</sup> huwa l-istrateġija ta' tkabbir tal-Ewropa li għandha l-għan li sal-2050 ikun hemm ekonomija newtrali għall-klima, nadifa u ċirkolari. Jirrikonoxxi l-ħtieġa għal politiki profondament trasformattivi, biex tiġi ottimizzata l-ġestjoni tar-riżorsi u jiġi minimizzat it-tniġġis. Il-Kummissjoni impenjat ruħha li tirrevedi r-regoli tal-UE sabiex tnaqqas it-tniġġis minn installazzjonijiet industrijali kbar. Se tirrevedi l-leġiżlazzjoni u tara kif tagħmilha konsistenti għalkollox mal-ambizzjonijiet tal-Patt Ekoloġiku għal tniġġis żero u l-politiki tiegħu dwar il-klima, l-enerġija u l-ekonomija ċirkolari, filwaqt li se tqis il-benefiċċji li dan isir kemm għas-saħħa pubblika kif ukoll għall-bijodiversità.

L-IED u r-Regolament huma liġijiet komplementari mmirati lejn il-monitoraġġ tal-impatt ambjentali tal-industrija:

- L-IED tistabbilixxi regoli ta' kmand u ta' kontroll biex gradwalment jitnaqqas it-tniġġis mill-akbar installazzjonijiet industrijali u tat-trobbija tal-bhejjem tal-UE, filwaqt li jinżammu kundizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni;
- ir-Regolament jgħin fil-monitoraġġ tal-isforzi biex jitnaqqas it-tniġġis billi jtejjeb l-informazzjoni pubblika dwar kif qed jaħdmu l-installazzjonijiet.

Twettqet analiżi ulterjuri biex jiġi identifikat titjib potenzjali fir-Regolament, inkluża valutazzjoni tal-impatt. Li rriżulta huma l-konklużjonijiet ewlenin tal-valutazzjoni tal-impatt deskritti hawn taħt.

- Il-kamp ta' applikazzjoni settorjali tar-Regolament jenħtieġ li jiġi rivedut biex ikun aktar konsistenti mal-attivitajiet koperti mil-liġijiet ambjentali relatati. Dan jikkonċerna b'mod partikolari l-IED, iżda wkoll id-Direttiva (UE) 2015/2193 dwar l-impjanti tal-kombustjoni medji (MCPD)<sup>9</sup> u d-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE dwar it-trattament tal-ilma urban mormi (id-Direttiva UWWT)<sup>10</sup>. Sabiex jiġu allinjati

<sup>5</sup> <https://industry.eea.europa.eu/>

<sup>6</sup> ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17.

<sup>7</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-2022/142 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1741 fir-rigward tar-rapportar dwar il-volum tal-produzzjoni u li tikkoreġi dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (ĠU L XXX, XX.XX.XXXX, p. XX).

<sup>8</sup> COM(2019) 640 final.

<sup>9</sup> ĠU L 313, 28.11.2015, p. 1.

<sup>10</sup> ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40.

ulterjorment, l-attivitajiet għandhom jiġu rrapportati fil-livell tal-installazzjoni — bħal fil-każ ta' dawn il-liġijiet l-oħra — aktar milli fil-livell tal-faċilità.

- Ir-Regolament dwar il-PRTR Ewropew għandu jkopri l-inkwinanti rilevanti kollha. Dan ifisser li għandhom jiżdiedu ċerti inkwinanti mal-Anness II tar-Regolament, inklużi:
  - sustanzi prijoritarji skont id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma 2000/60/KE<sup>11</sup> u d-Direttiva 2008/105/UE dwar l-Ilma tal-Wieċ<sup>12</sup>;
  - sustanzi identifikati bħala ta' tħassib serju ħafna fir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (REACH)<sup>13</sup>;
  - sustanzi koperti mil-liġijiet tal-UE dwar l-ilma ta' taħt l-art u l-kwalità tal-arja, inkluża d-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art<sup>14</sup>, id-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali<sup>15</sup> u d-Direttiva 2004/107/KE dwar il-konċentrazzjonijiet ta' ċerti inkwinanti fl-arja ambjentali<sup>16</sup>.
- Sabiex ikunu konsistenti mal-politiki tal-UE dwar l-ekonomija ċirkolari u d-dekarbonizzazzjoni u biex jippermettu valutazzjoni ambjentali aħjar tad-*data* tal-PRTR Ewropew, l-operaturi għandhom jirrapportaw dwar il-volum tal-produzzjoni u d-*data* komplementari, speċjalment l-użu tar-riżorsi (l-enerġija, l-ilma, u l-materja prima).
- In-nuqqasijiet attwali li jaffettwaw l-implimentazzjoni tar-Regolament jenħtieġ li jiġu indirizzati wkoll billi:
- jiġu aġġornati l-metodi analitiċi li jużaw l-operaturi biex jiddeterminaw ir-rilaxxi u t-trasferimenti barra mill-post tagħhom;
- l-operaturi jintalbu jikkonfermaw b'mod espliċitu fir-rapport tagħhom lill-awtoritajiet kompetenti li r-rilaxx ta' inkwinant partikolari jew trasferiment mhux fuq il-post ta' skart jew ilma mormi jkun taħt il-livelli limitu tar-rapportar applikabbli;
- l-Istati Membri jitħallew jirrapportaw ċerta *data* f'isem l-operaturi li jrabbru l-bhejjem, li jistgħu ma jkollhomx ir-riżorsi biex jirrapportaw *data* akkurata.

Il-ħtieġa li r-Regolament jiġi rivedut għet ikkonfermata fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, u qiegħda tiġi riveduta fl-istess waqt tal-IED. Dan se jiżgura l-konsistenza u l-effiċjenza ġenerali ta' dawn iż-żewġ liġijiet.

F'dan il-kuntest, minħabba n-natura u l-firxa tal-modifiki meħtieġa fir-Regolament u l-ħtieġa li jittejjbu l-konsistenza u ċ-ċarezza ġuridika, din il-proposta jenħtieġ li tħassru u tissostitwixxi filwaqt li tassumi l-obbligi sostantivi tagħha kull meta jkun għadu meħtieġ.

---

<sup>11</sup> ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.

<sup>12</sup> ĠU L 348, 24.12.2008, p. 8.

<sup>13</sup> ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

<sup>14</sup> ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19.

<sup>15</sup> ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1.

<sup>16</sup> ĠU L 23, 26.1.2005, p. 3.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Ir-Regolament huwa marbut ma' ħafna liġijiet ambjentali oħra tal-UE, peress li jkopri firxa wiesgħa ta' installazzjonijiet agroindustrijali u sustanzi rilevanti, inklużi l-gassijiet serra. Il-liġijiet li huwa marbut magħhom jinkludu leġislazzjoni dwar it-tniġġis, eż. l-IED, l-MCPD, id-Direttiva UWWT u d-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE dwar il-landfill tal-iskart (id-Direttiva dwar il-Landfills)<sup>17</sup>. Huwa marbut ukoll mad-dritt tal-UE li jipproteġi l-mezzi ambjentali mir-rilaxxi tal-inkwinanti (inkluż l-ilma tal-wiċċ, l-ilma ta' taħt l-art u l-arja ambjentali), minħabba li r-rilaxxi tal-inkwinanti jistgħu jaffettwaw l-istatus ta' dawk il-mezzi.

Fl-aħħar nett, ir-Regolament huwa marbut mal-liġi dwar il-klima, inkluża s-Sistema tal-UE għall-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet<sup>18</sup> u r-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi<sup>19</sup>.

L-ewwel reġistru Ewropew dwar l-inkwinanti, ir-Reġistru Ewropew dwar l-Emissjonijiet ta' Sustanzi Niġġiesa (EPER)<sup>20</sup>, ġie stabbilit fil-qafas tal-ewwel leġislazzjoni tal-UE dwar il-kontroll tat-tniġġis industrijali — id-Direttiva dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati tat-Tniġġis (id-Direttiva dwar l-IPPC<sup>21</sup>). L-għan tal-EPER kien li jipprovdi informazzjoni dwar l-emissjonijiet ewlenin minn attivitajiet regolati mid-Direttiva dwar l-IPPC.

Madankollu, issa hemm differenzi bejn is-sistema regolatorja tal-IED u l-inventarju tagħha tar-rilaxxi minħabba bidliet fiż-żewġ liġijiet. Fl-2006, l-EPER sar ir-Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti (PRTR Ewropew), fit-twerttiq tal-obbligi tal-Protokoll tal-UE. Fl-2010, il-kamp ta' applikazzjoni tal-IED ġie estiż għal aktar attivitajiet milli tkopri d-Direttiva dwar l-IPPC. B'riżultat ta' dan, hemm inqas konsistenza bejn is-sistema regolatorja għall-attivitajiet agroindustrijali tal-IED u r-Regolament, l-għodda ewlenija ta' monitoraġġ tagħha. Fl-2015, ġew introdotti kontrolli regolatorji fuq impjanti iżgħar tal-kombustjoni fl-MCPD, iżda mingħajr rekwiżit għal inventarju tar-rilaxxi.

Din hija r-raġuni għaliex, sabiex ir-Regolament jappoġġa l-implimentazzjoni tal-IED, qed jiġi propost li jiġi emendat l-Anness I tar-Regolament, sabiex tiġi estiża l-kopertura tiegħu għall-attivitajiet kollha tal-IED u għal xi impjanti iżgħar tal-kombustjoni. Bil-ħolqien ta' inventarju tar-rilaxxi, il-PRTR Ewropew jappoġġa wkoll l-implimentazzjoni tad-Direttivi UWWT u dwar il-Landfills.

---

<sup>17</sup> ĠU L 182, 16.7.1999, p. 1.

<sup>18</sup> Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

<sup>19</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26)

<sup>20</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/479/KE tas-17 ta' Lulju 2000 dwar l-implimentazzjoni ta' reġistru Ewropew ta' emissjoni ta' tniġġis (EPER) skont l-Artikolu 15 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE li tikkonċerna l-prevenzjoni integrata ta' tniġġis u kontroll (IPPC) (ĠU L 192, 28.7.2000, p. 36).

<sup>21</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE tal-24 ta' Settembru 1996 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrat ta' tniġġis (ĠU L 257, 10.10.1996, p. 26).

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew isemmi speċifikament ir-reviżjoni tar-Regolament. Ir-reviżjoni tiegħu tikkontribwixxi wkoll għat-twettiq tal-viżjoni tal-UE ta' tniġġis żero għall-2050<sup>22</sup>, billi tipprovd i *data* dwar ir-rilaxx agroindustrijali fl-arja, fl-ilma u fil-ħamrija. Flimkien ma' liġijiet ambjentali relatati oħra tal-UE, ir-reviżjoni tar-Regolament se tgħin biex jitnaqqas it-tniġġis għal livelli li mhum iex meqjusa ta' ħsara għas-saħħa jew għall-ekosistemi naturali. Se tirrispetta wkoll il-limiti li l-pjaneta tista' tlaħħaq magħhom, u b'hekk tneħħi t-tossiċità mill-ambjent.

## 2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

L-oġettiv ewlieni tal-att propost huwa relatat mal-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem. Għalhekk, il-bażi ġuridika tar-Regolament propost hi l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Kemm l-UE kif ukoll l-Istati Membri individwali ffirmaw il-Protokoll. Peress li l-Protokoll jinkludi għażliet għall-implimentazzjoni ta' xi regoli (eż. l-attivitajiet jistgħu jiġu ddefiniti bl-użu ta' livelli limitu tal-kapaċità jew tal-impjegati), ir-Regolament jadotta approċċ komuni u jiżgura li jiġi applikat b'mod konsistenti madwar l-UE.

Ir-Regolament iżid ukoll il-valur peress li wassal għall-iżvilupp ta' dokument ta' gwida tal-UE<sup>23</sup>, b'regoli u pariri dwar il-ġbir tad-*data*, l-assigurazzjoni tal-kwalità u l-preżentazzjoni. Din il-gwida tagħmel id-*data* aktar konsistenti u aktar faċli biex titqabbel bejn l-Istati Membri.

L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent twettaq aktar kontrolli tal-assigurazzjoni tal-kwalità. Dan jgħin biex id-*data* ssir aktar kompluta u akkurata. Dawn il-kontrolli fil-livell tal-UE jidentifikaw kwistjonijiet li mbaġħad jiġu kkoreġuti fil-livell nazzjonali — xi ħaġa li ma sseħħx mingħajr reġistru Ewropew.

Il-gruppi ta' esperti, il-workshops u r-rapporti analitiċi tal-UE jappoġġaw u jgħinu wkoll lill-Istati Membri jżommu r-reġistri nazzjonali tagħhom.

Għall-pubbliku, ir-Regolament iġib valur miżjud sinifikanti tal-UE billi jagħmilha possibbli li d-*data* dwar ir-rilaxx tiġi mqabbla faċilment għal industriji differenti tal-UE u billi tiġi pprovduta *data* dwar ir-rilaxx kumulattiv fl-UE. Din id-*data* tkun ħafna aktar diffiċli biex tinġabar u tiġi kkompilata minn 27 reġistru nazzjonali separat.

---

<sup>22</sup> COM(2021) 400 final.

<sup>23</sup> Id-Dokument ta' Gwida għall-implimentazzjoni tal-PRTR Ewropew (2006): [https://ec.europa.eu/environment/industry/stationary/e-prtr/pdf/mt\\_prtr.pdf](https://ec.europa.eu/environment/industry/stationary/e-prtr/pdf/mt_prtr.pdf)

Għalhekk, ir-Regolament iġib valur miżjud sinifikanti, meta mqabbel ma' dak li jista' jinkiseb mill-azzjoni individwali ta' 27 pajjiż, u s-suġġett tar-Regolament ikompli jiġġustifika l-azzjoni tal-UE.

- **Proporzjonalità**

Huwa diffiċli li jitkejlu l-kostijiet u l-benefiċċji tal-PRTR Ewropew. Madankollu, il-partijiet ikkonċernati jqisu l-kostijiet stmati tal-PRTR Ewropew bħala relattivament baxxi meta mqabbla mal-kontribut sinifikanti tiegħu għat-trasparenza tad-*data* u l-parteċipazzjoni pubblika.

L-Artikolu 16, dispożizzjoni ineffiċjenti fir-Regolament dwar il-PRTR Ewropew, diġà tneħħiet — kienet tirrikjedi li l-Istati Membri jirrapportaw dwar l-implimentazzjoni ġenerali tal-PRTR Ewropew kull tliet snin.

- **Għażla tal-istrument**

Filwaqt li r-Regolament (KE) Nru 166/2006 jikkostitwixxi l-punt tat-tluq għal din il-Proposta, jixraq li dan jiġi rrevokat u sostitwit għall-finijiet ta' ċarezza ġuridika. L-Anness III fih it-tabella ta' korrelazzjoni. Peress li l-proposta għandha l-għan li tħassar u li tissostitwixxi Regolament tal-UE, il-proposta tiegħi l-forma ta' Regolament.

### **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

L-evalwazzjoni REFIT tal-2017 tar-Regolament ikkonkludiet li kien adattat għall-fini tiegħu u meqjus bħala liġi ambjentali importanti tal-UE minħabba l-informazzjoni li jagħmel disponibbli għall-pubbliku dwar il-prestazzjoni ambjentali ta' industriji kbar.

Il-partijiet ikkonċernati japprezzaw il-PRTR Ewropew. Huma jirrikonoxxu li huwa faċli li wieħed jaċċessah u li fih sett ta' *data* siewi u konsistenti, mingħajr l-ebda alternattiva komparabbli għad-*data* dwar ir-rilaxx industrijali fl-UE.

L-evalwazzjoni ma identifikatx kif ittejjeb jew tissimplifika b'mod sinifikanti r-Regolament eżistenti. Madankollu, hija identifikat aspetti li jistgħu jittejjbu fl-oqsma li ġejjin:

- filwaqt li l-Istati Membri dehru li qed jikkonverġu fuq prattiki tajbin, l-aġġornament tal-gwida eżistenti tal-UE jista' jgħin biex id-*data* tiġi interpretata b'mod aktar konsistenti;
- il-PRTR Ewropew jista' jkun aktar effiċjenti u konsistenti jekk ikun allinjat aktar ma' obbligi oħra tar-rapportar ambjentali relatati mill-qrib;
- l-obbligu għall-Istati Membri li jirrapportaw dwar l-implimentazzjoni tagħhom tar-Regolament dwar il-PRTR Ewropew kull tliet snin ma kienx meqjus utli ħafna, u dan jindika li kien hemm lok għal simplifikazzjoni;



- iż-żieda ta' *data* aktar kuntestwali mal-PRTR Ewropew eżistenti tista' tagħmlu aktar utli bħala sors komprensiv ta' informazzjoni ambjentali.

Fl-2021 tlestiet valutazzjoni tal-impatt tar-Regolament, li tagħti kunsiderazzjoni aktar dettaljata lill-kwistjonijiet li ġejjin.

- ***Aspetti ineffettivi tal-leġislazzjoni*** — kif għandhom jiġu indirizzati oqsma fejn ir-regoli attwali jistgħu jkunu aktar effettivi u effiċjenti.
- ***Kontribut għall-effiċjenza fir-riżorsi u għall-produzzjoni inqas tossika*** — id-determinazzjoni ta' inkwinanti ġodda possibbli biex jiżdiedu mar-Regolament, speċjalment biex jiġi allinjat aħjar mal-istandards ta' kwalità ambjentali (għall-arja u għall-ilma) u mar-Regolament REACH; jiġi kkunsidrat kif ir-Regolament jista' jikkontribwixxi għall-iżvilupp u għaż-żamma tal-ekonomija ċirkolari, eż. billi jsir rapportar dwar l-użu tal-enerġija, l-ilma u l-materja prima.
- ***Kontribut għad-dekarbonizzazzjoni*** — kif ir-Regolament jista' jgħin biex diversi attivitajiet industrijali jsiru aktar effiċjenti fl-użu tal-karbonju.
- ***Ambitu settorjali*** — id-determinazzjoni dwar jekk ir-Regolament iħallix barra attivitajiet ambjentali importanti u kif huwa allinjat mal-leġislazzjoni relatata u jappoġġaha (speċjalment l-IED, l-MCPD u d-Direttiva UWWT).

#### • **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-feedback inizzjali ġie pprovdut fuq il-valutazzjoni tal-impatt tal-bidu ppubblikata fis-sit web tal-Kummissjoni “Semma’ Leġnek”. Il-konsultazzjoni saret mit-28 ta’ Settembru 2020 sas-26 ta’ Ottubru 2020, u rċeviet 37 rispons.

Bħala parti mill-valutazzjoni tal-impatt, konsultazzjoni pubblika miftuħa dwar ir-reviżjoni tal-IED u r-Regolament damet għaddejja 13-il ġimgħa, mit-22 ta’ Diċembru 2020 sat-23 ta’ Marzu 2021. Kien hemm 24 mistoqsija, u erba’ minnhom koprew direttament ir-Regolament. Il-pubbliku u l-organizzazzjonijiet ġew imħeġġa jimlew kwestjonarju online dwar il-pjattaforma tal-Istħarriġ tal-UE. Il-konsultazzjoni ġiet ippubblikata fis-sit web “Semma’ Leġnek”, u l-partijiet ikkonċernati ġew infurmati wkoll dwar it-tnedija tagħha permezz tal-posta elettronika. Ir-rispondenti tal-konsultazzjoni setgħu jibagħtu wkoll dokumenti ta’ pożizzjoni.

Il-konsultazzjoni ġiet segwita minn stħarriġ immirat fost il-partijiet ikkonċernati. L-istħarriġ kien miftuħ għal tmien ġimgħat (mit-8 ta’ Marzu sat-30 ta’ April 2021), imbagħad ġie estiż b’ġimagħtejn (sal-14 ta’ Mejju 2021), u għalhekk setgħu jiġu ppreżentati aktar risponsi. Stedinet biex jimtela l-istħarriġ intbagħtu permezz tal-posta elettronika lil aktar minn 800 parti kkonċernata tal-IED u tal-PRTR Ewropew.

L-istħarriġ talab lill-partijiet ikkonċernati jidentifikaw u jivvalutaw għażliet differenti. Dan kien jikkonsisti f’61 mistoqsija, miġbura madwar sitt oqsma problematiċi identifikati (ara hawn taħt). Xi mistoqsijiet tfasslu apposta għal partijiet ikkonċernati speċifiċi: L-awtoritajiet tal-Istati Membri (fi kwalunkwe livell ta’ amministrazzjoni), l-industrija (kumpaniji individwali jew assoċjazzjonijiet kummerċjali) jew gruppi oħra (NGOs ambjentali, esperti tekniċi, akkadeimiċi u riċerkaturi). Il-verżjonijiet Word u PDF tal-istħarriġ intbagħtu bil-posta

elettronika biex jgħinu fil-ġbir tal-informazzjoni u għal trasparenza sħiħa. Tliet assoċjazzjonijiet industrijali u NGO waħda ppreżentaw materjal ta' akkumpanjament, bħal dokumenti ta' pożizzjoni, rimarki ta' spjegazzjoni u sommarji ta' messaġġi ewlenin.

Barra minn hekk, saru 30 intervista ma' rappreżentanti ta' korpi internazzjonali, istituzzjonijiet tal-UE, awtoritajiet nazzjonali, assoċjazzjonijiet tal-industrija jew tal-kummerċ, organizzazzjonijiet mhux governattivi u oħrajn.

L-input ewleni li wasal dwar is-sitt problemi identifikati huwa deskritt hawn taħt.

1. **Attivitajiet u livelli limitu ta' attività:** Il-biċċa l-kbira tar-rispondenti, mill-gruppi kollha tal-partijiet ikkonċernati, qiesu li huwa importanti li l-kategorizzazzjonijiet tal-attività tar-Regolament u tal-IED jiġu allinjati. Il-biċċa l-kbira tar-riċerkaturi, l-NGOs u l-awtoritajiet pubbliċi kienu tal-fehma li dan jgħin fil-ħidma tagħhom, filwaqt li l-biċċa l-kbira tar-rispondenti mill-industrija ħasbu li dan ma jagħmel l-ebda differenza għall-kompiti attwali tagħhom tal-PRTR Ewropew. Dan l-allinjament tqies bħala opportunità biex il-ġbir tad-*data* u r-rapportar isiru aktar faċli, u biex l-attività ta' kontroll ambjentali u l-kwalità tad-*data* jsiru aktar konsistenti.

2. **Inkwinanti u livelli limitu għar-rapportar tar-rilaxxi:** Ir-rispondenti ġew mistoqsija dwar l-importanza li jżiedu 52 inkwinant identifikati fl-Anness II tar-Regolament. Kien hemm appoġġ ġenerali għal din il-proposta, iżda r-riżultati jirriflettu l-għarfien espert tar-rispondenti u l-importanza ta' dawn l-inkwinanti fis-setturi industrijali rispettivi. Il-parteċipanti fl-istħarriġ issuġġerew ukoll għadd ta' inkwinanti oħra li jenħtieġ li jiġu inklużi.

3. **Informazzjoni biex jiġi segwit il-progress li qed isir lejn l-iżvilupp tal-ekonomija ċirkolari u d-dekarbonizzazzjoni tal-industrija:** Ħafna riċerkaturi, NGOs u awtoritajiet pubbliċi qiesu li huwa importanti ħafna jew pjuttost importanti li tiġi rrapportata informazzjoni kurrentwali addizzjonali dwar il-konsum tal-enerġija u l-irkupru/l-użu mill-ġdid tal-enerġija. Madankollu, perċentwal żgħir biss tal-partijiet ikkonċernati mill-industrija ħasbu li kien importanti, u spiss semmew il-piż amministrattiv addizzjonali bħala tħassib.

4. **Metodi tar-rapportar u fluss tad-*data*:** Il-biċċa l-kbira tar-rispondenti, mill-gruppi kollha tal-partijiet ikkonċernati, qiesu li kien importanti jew tal-anqas ftit importanti li tkun permessa flessibilità għar-rapportar minn fuq għal isfel (mill-Istati Membri) f'xi setturi industrijali. Fir-rigward tat-tqassir tal-iskadenzi tar-rapportar, ħafna partijiet ikkonċernati tal-industrija indikaw li l-kwalità tad-*data* kienet aktar importanti mill-veloċità tar-rapportar tad-*data*.

5. **Aċċess għall-informazzjoni dwar l-PRTR Ewropew:** Ir-riċerkaturi, l-NGOs, l-awtoritajiet pubbliċi u l-pubbliku appoġġaw ir-rekwiżit li jirrapportaw ir-rilaxxi f'"livell ta' sottofaċilità". Ir-rappreżentanti tal-industrija wrew inqas appoġġ, u kienu tal-fehma li dan ikollu effett sinifikanti fuq l-ammont ta' xogħol tagħhom.

6. **Rilaxxi minn sorsi u prodotti diffużi:** Ir-rispondenti kollha kienu tal-fehma li l-għażliet proposti jgħinu biex tittejjeb l-informazzjoni attwali tal-PRTR Ewropew dwar ir-rilaxxi minn sorsi diffużi, b'appoġġ partikolari għal mudelli standardizzati u fatturi ta' rilaxx. Il-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati tal-industrija ħasbu li r-rilaxxi mill-prodotti ma kinux importanti, filwaqt li r-riċerkaturi, l-NGOs u l-awtoritajiet ħasbu li dawn kienu pjuttost importanti jew importanti ħafna.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Fl-20 ta' Diċembru 2021, il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju ħareġ “opinjoni pożittiva b'xi riżervi”. Din se tiġi ppubblikata ladarba l-Kummissjoni tkun adottat din il-proposta<sup>24</sup>. Sadanittant, id-dokument ta' hídma tal-persunal ġie emendat biex iqis is-sejbiet tal-Bord.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

F'konformità mal-impenn tal-Kummissjoni għal regolamentazzjoni aħjar, din il-proposta tħejjiet b'mod inklużiv, abbażi ta' trasparenza sħiħa u impenn kontinwu mal-partijiet ikkonċernati, filwaqt li tqiesu kemm il-feedback estern kif ukoll l-iskrutinju estern biex jiġi żgurat li l-proposta tilħaq il-bilanċ it-tajjeb.

Il-PRTR Ewropew huwa rikonoxxut bħala l-aħjar prattika fir-rapportar issimplifikat u koerenti<sup>25</sup>. Filwaqt li dan jillimita l-potenzjal għal simplifikazzjoni ulterjuri, il-proposti ġew iddisinjati biex jimminimizzaw piż addizzjonali.

Ir-rapportar fil-livell ta' installazzjoni minflok fil-livell tal-faċilità se jiżgura koerenza sħiħa mar-rapportar skont id-Direttiva 2010/75, b'hekk se jnaqqas kwalunkwe piż amministrattiv relatat mar-rapportar f'livelli tekniċi differenti fis-siti industrijali.

Ir-rapportar minn fuq għal isfel issimplifikat għat-trobbija tal-bhejjem u għall-akkwakultura se jħaffef il-piż amministrattiv fuq il-farms tal-bhejjem u n-negozji tal-akkwakultura b'EUR 11,8-il miljun fis-sena għall-amministrazzjoni pubblika: €0,670 miljun.

Peress li r-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-PRTR Ewropew eżistenti jeħtieġ li jiġi mmodifikat sostanzjalment, se jitħassar u jiġi sostitwit b'Regolament ġdid sabiex jipprovdi ċertezza ġuridika, ċarezza u trasparenza.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari daww fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Tikkontribwixxi wkoll għad-dritt għal livell għoli ta' protezzjoni ambjentali f'konformità mal-prinċipju tal-iżvilupp sostenibbli, kif stabbilit fl-Artikolu 37 tal-Karta<sup>26</sup>.

#### **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Il-proposta se jkollha implikazzjonijiet baġitarji għar-riżorsi umani u amministrattivi fil-Kummissjoni u fl-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent. Id-dikjarazzjoni finanzjarja fl-Anness tipprovdi dawn id-dettalji.

<sup>24</sup> <https://ec.europa.eu/transparency/documents-register/>

<sup>25</sup> Fitness Check of Reporting and Monitoring of EU Environment Policy (Kontroll tal-Idoneità tar-Rapportar u tal-Monitoraġġ tal-Politika Ambjentali tal-UE) SWD(2017)230 final.

<sup>26</sup> ĠU C 326, 26.10.2012, p. 391.

Il-Kummissjoni se jkollha aktar xogħol x'taġhmel biex timplimenta l-kamp ta' applikazzjoni usa' tar-Regolament (jiġifieri kopertura settorjali usa') u l-azzjoni intensifikata (eż. fatturi addizzjonali bħall-użu tar-riżorsi u r-rapportar fil-livell tal-installazzjoni). Se twettaq din il-ħidma f'konformità mal-allokazzjoni eżistenti tar-riżorsi.

L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent se tappoġġa lill-Kummissjoni billi tiġġestixxi l-Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali (il-Portal) u timplimenta l-arranġamenti prattiċi biex takkomoda l-kamp ta' applikazzjoni usa' u l-azzjoni intensifikata. Dan jeħtieġ total ta' żewġ ekwivalenti full-time addizzjonali.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Ir-rilaxxi totali ta' inkwinanti għal kull settur, abbażi tad-*data* rrapportata mill-operaturi lill-PRTR Ewropew, se jibqgħu indikaturi ewlenin biex jiġi segwit il-progress biex jintlaħqu l-oġettivi ta' din l-inizjattiva. Il-PRTR Ewropew imtejjeb se jtejjeb il-monitoraġġ tal-prestazzjoni ambjentali ta' setturi industrijali differenti.

- Rapportar aktar dettaljat tal-inkwinanti fil-livell tal-installazzjoni se jippermetti l-analiżi tal-proċessi ewlenin f'setturi fejn il-prestazzjoni ambjentali qed titjieb jew għadha lura.
- L-inklużjoni tar-rapportar tal-użu tar-riżorsi se tippermetti li jiġu definiti indikaturi ġodda dwar l-użu tal-materjali, tal-ilma u tal-enerġija. Dan se jagħmilha possibbli li jiġi segwit it-titjib fl-effiċjenza tar-riżorsi.
- Aġġornamenti regolari tas-sustanzi koperti mill-PRTR Ewropew se jagħmluha possibbli li jiġu definiti indikaturi tar-rilaxx ta' sustanzi ta' tħassib emerġenti jew attwali. Dan min-naħa tiegħu se jagħmilha possibbli li jiġi segwit it-titjib fil-mod kif dawn is-sustanzi jintużaw u jiġu ġestiti.

Dan it-titjib se jgħin ukoll biex jiġi żgurat li dan il-monitoraġġ ikun jista' jintuża b'mod effettiv fil-qafas usa' ta' monitoraġġ u prospettiva ta' tniġġis żero, li għandu jiġi ppubblikat kull sentejn mill-2022. Id-*data* dwar it-tniġġis tal-arja, tal-ilma u tal-ħamrija disponibbli bħala parti mill-qafas ta' monitoraġġ tat-tniġġis żero se tgħin biex jiġi evalwat l-impatt tat-tniġġis imnaqqas mill-installazzjonijiet koperti mill-IED u mir-Regolament.

Għall-miżuri tal-PRTR Ewropew, l-indikaturi ewlenin se jinkludu t-tempestività u l-kompletezza tar-rapportar — skont l-Istat Membru, is-settur u l-mezz ambjentali. L-istatistika tal-web mill-portal se tkejjel l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni kkombinata tal-IED/PRTR Ewropew.

Ir-reazzjoni għat-titjib leġislattiv se tiġi mmonitorjata bl-użu ta' sħarriġ fost il-partijiet ikkonċernati tal-IED u tal-PRTR Ewropew.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

**L-Artikolu 1** jispeċifika s-suġġett, jiġifieri l-istabbiliment tal-Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali (il-Portal) bħala l-bażi tad-*data* elettronika online l-ġdida li tissostitwixxi l-PRTR Ewropew u li fiha d-*data* kollha rrapportata skont ir-Regolament; l-implimentazzjoni tal-Protokoll tal-UNECE dwar ir-Reġistri dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti; il-faċilitazzjoni tal-aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali u tal-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet ambjentali; u l-kapaċità li jiġu evalwati u vvalutati aħjar l-impatti ambjentali tal-leġislazzjoni dwar l-emissjonijiet industrijali.

**L-Artikolu 2** jiddefinixxi t-termini ewlenin bil-għan li jipprovdi ċertezza u ċarezza ġuridika u jiżgura l-implimentazzjoni korretta u sħiħa tiegħu. Dawn id-definizzjonijiet jindirizzaw *inter alia* it-termini “installazzjoni”, “rilaxx”, “trasferiment barra mis-sit”, “sorsi diffużi”, “operatur”. Għal raġunijiet ta' konsistenza ma' leġislazzjoni oħra relatata tal-UE, xi definizzjonijiet jirreferu għad-definizzjonijiet stabbiliti fl-IED u fid-Direttiva Qafas dwar l-Iskart 2008/98/UE.

**L-Artikolu 3** jispeċifika liema *data* se jkun fih il-Portal, jiġifieri *data* rrapportata mill-operaturi u mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 5 u informazzjoni ambjentali rilevanti addizzjonali rrapportata skont leġislazzjoni relatata oħra tal-UE.

**L-Artikolu 4** jindirizza d-disinn u l-istruttura tal-Portal u jispeċifika li d-*data* hija ppreżentata kemm f'forma aggregata kif ukoll f'forma mhux aggregata biex tippermetti lill-utenti tal-Portal iwettqu tfittxijiet speċifiċi *inter alia* permezz ta' installazzjoni jew attività. L-oġettiv huwa li jiġu żgurati l-faċilità u l-utilità massimi għall-utenti tal-Portal f'termini ta' aċċess għad-*data* rrapportata rilevanti.

**L-Artikolu 5** jiddeskrivi d-*data* li għandha tiġi rrapportata kull sena mill-operaturi tal-installazzjonijiet industrijali kkonċernati, kif elenkati fl-Anness I, lill-Istati Membri tagħhom. Dan jinkludi r-rilaxxi fl-ambjent tal-inkwinanti elenkati fl-Anness II, it-trasferimenti barra mis-sit tal-iskart u tal-ilma mormi, l-użu tar-riżorsi (eż. l-ilma, il-materja prima), l-informazzjoni li tpoġġi lil dik id-*data* f'kuntest (eż. il-volum annwali tal-produzzjoni) u jekk l-installazzjoni hijiex koperta minn leġislazzjoni oħra relatata mal-UE, bħall-IED.

Sabiex jiġi evitat rapportar doppju, l-Artikolu 5(1)(b) jiċċara li t-trasferimenti barra mis-sit ta' skart li huma soġġetti għar-rimi bi “trattament tal-art” jew b’“injezzjoni fil-fond” jenħtieġ li jiġu rrapportati biss bħala rilaxx fl-art mill-operatur tal-installazzjoni minn fejn joriġina l-iskart.

Id-*data* dwar ir-rilaxxi u t-trasferimenti għandha tiġi rrapportata bħala totali annwali tal-attivitajiet intenzjonati, aċċidentali, ta' rutina u mhux ta' rutina kollha. L-Artikolu 5(1) u l-Anness II jistabbilixxu valuri ta' livelli limitu li jiskattaw l-obbligu tar-rapportar. Meta daww il-valuri ta' livelli limitu ma jinqabżux, l-operaturi għandhom jiddikjaraw b'mod espliċitu li r-rilaxxi annwali u/jew it-trasferimenti barra mis-sit tagħhom kienu taħt daww il-valuri ta' livelli limitu. Dan għandu l-għan li jindirizza nuqqas ta' implimentazzjoni, jiġifieri ambigwiżà dwar jekk ir-redditi żero tal-operatur jirriflettux nuqqas fir-rapportar jew ir-rilaxxi u t-trasferimenti taħt il-livelli limitu tar-rapportar applikabbli. Bl-istess mod, l-Artikolu 5(3) jindirizza nuqqas ieħor ta' implimentazzjoni, fir-rigward tal-metodi użati mill-operaturi biex jikkwantifikaw ir-rilaxxi u t-trasferimenti barra mis-sit tagħhom, billi jistabbilixxi l-ġerarkija ta' kwantifikazzjoni tal-1. Kejl; 2. Kalkolu; u 3. Stima. Sabiex jippermettu l-awditjar tar-rapporti tal-operaturi, l-operaturi jenħtieġ li jżommu rekords, tad-*data* li minnha tkun ġiet derivata l-informazzjoni rrapportata, għal perjodu ta' ħames snin.

L-operaturi ta' xi installazzjonijiet jistgħu ma jkollhomx ir-riżorsi meħtieġa biex jikkwantifikaw ir-rilaxxi intenzjonati u annwali tagħhom tal-inkwinanti elenkati fl-Anness II. Għalhekk, bħala simplifikazzjoni amministrattiva, l-Istati Membri jistgħu jikkwantifikaw tali rilaxxi f'isem l-operaturi tal-installazzjonijiet għat-trobbija tat-tjur, tal-ħnieżer u tal-bhejjem tal-ifrat (l-Attività 2 tal-Anness I) u għall-akkwakultura (l-Attività 7 tal-Anness I).

Dan jirrikjedi wkoll li l-Istati Membri jistabbilixxu skadenza għall-operaturi biex jipprovdu d-*data* lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom.

**L-Artikolu 6** jindirizza r-rapportar annwali sussegwenti tad-*data* lill-Kummissjoni mill-Istati Membri. Il-format u d-*data* sa meta l-Istati Membri għandhom jirrapportaw id-*data* għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. F'dan ir-rigward, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1741<sup>27</sup>, li tistabbilixxi l-format tad-*data* u l-iskadenza tar-rapportar, tibqa' applikabbli. Il-Kummissjoni, assistita mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, għandha tinkorpora d-*data* tal-Istati Membri fil-Portal fi żmien xahar minn meta tirċieviha mingħand l-Istati Membri.

**L-Artikolu 7** jindirizza r-rapportar ta' rilaxxi ta' inkwinanti minn sorsi diffużi. Fejn ma tiġi rrapportata l-ebda *data* bħal din, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex tagħti bidu lil tali rapportar.

**L-Artikolu 8** jikkonċerna l-kwalità tad-*data* rrapportata. L-operaturi huma meħtieġa jiżguraw il-kwalità tad-*data* u l-awtoritajiet kompetenti jridu jivvalutaw l-akkuratezza, il-kompletezza, il-konsistenza u l-kredibbiltà ta' dik id-*data*. Il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida rilevanti permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.

**L-Artikoli 9, 10 u 11:** F'konformità mal-Konvenzjoni tal-UNECE dwar l-Aċċess għall-*Informazzjoni*, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid tad-Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-*Ġustizzja* fi Kwistjonijiet Ambjentali, il-Protokoll u l-leġislazzjoni rilevanti tal-UE, inkluża d-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>28</sup>, dawn id-dispożizzjonijiet għandhom l-għan li jiżguraw:

- (i) aċċess pubbliku mingħajr ħlas u online għad-*data* li tinsab fil-Portal filwaqt li jiġi speċifikat li dan huwa mingħajr preġudizzju għar-restrizzjonijiet stabbiliti fid-dritt tal-UE dwar l-aċċess għall-*informazzjoni* ambjentali, eż. il-protezzjoni tal-interessi kummerċjali tal-operaturi u l-*informazzjoni* kunfidenzjali;
- (ii) parteċipazzjoni pubblika fl-iżvilupp ulterjuri tal-Portal; u
- (iii) id-dritt tal-pubbliku li jaċċessa l-*ġustizzja* fir-rigward tal-aċċess għall-*informazzjoni* ambjentali.

<sup>27</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1741 tat-23 ta' Settembru 2019 li tistabbilixxi l-format u l-frekwenza tad-*data* li għandhom jagħmlu disponibbli l-Istati Membri għall-finijiet tar-rapportar skont ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ħolqien ta' Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 91/689/KEE u 96/61/KE (ĠU L 267, 21.10.2019, p. 3).

<sup>28</sup> Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).

**L-Artikolu 12** jirreferi għall-iżvilupp u għall-aġġornament regolari tal-gwida biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Il-gwida għandha tindirizza *inter alia* l-proċeduri tar-rapportar u l-assigurazzjoni tal-kwalità tad-data rrapportata.

**L-Artikolu 13** jirrikjedi li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jipromwovu l-għarfien pubbliku tal-Portal.

**L-Artikoli 14 u 15:** L-Artikolu 14 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati biex temenda l-Annessi I u II sabiex tiżgura li r-Regolament jibqa' attwali.

Fir-rigward tal-Anness I, dan jipprovdi l-kapaċità li jiżdiedu attivitajiet industrijali jew agrikoli ġodda li jaffettwaw b'mod avvers, jew li jistgħu jaffettwaw, l-ambjent jew is-saħħa tal-bniedem bħala riżultat ta' rilaxxi sinifikanti ta' inkwinanti jew l-użu tar-riżorsi. L-attivitajiet jista' jkollhom jiżdiedu wkoll biex jiġu implimentati bidliet li jsiru fil-Protokoll dwar il-PRTRs.

Bl-istess mod, hemm dispożizzjoni biex jiġi aġġornat l-Anness II billi jiżdiedu inkwinanti li huma soġġetti għal kontrolli regolatorji speċifiċi skont il-leġislazzjoni tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi, l-ilma u l-kwalità tal-arja, u minħabba l-periklu potenzjali tagħhom għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem. Jista' jkun hemm bżonn li jiżdiedu wkoll inkwinanti biex jiġu applikati bidliet li jsiru fil-Protokoll dwar il-PRTRs. Barra minn hekk, din id-dispożizzjoni tippermetti l-iffissar ta' livelli limitu tar-rapportar li jiżguraw qbid ta' mill-inqas 90 % tar-rilaxxi ta' inkwinanti mill-attivitajiet tal-Anness I.

L-Artikolu 15 jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-eżerċitar ta' dawn id-delegi.

**L-Artikolu 16** huwa d-dispożizzjoni tal-komitoloġija li tispeċifika li l-Kummissjoni se tkun assistita minn kumitat u li tapplika l-proċedura ta' eżami stabbilita fir-Regolament tal-komitoloġija (UE) Nru 182/2011. Dan jipprevedi l-adozzjoni possibbli tal-atti ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni għall-istabbiliment jew għall-aġġornament tad-data u l-format tar-rapportar skont l-Artikolu 6(1).

**L-Artikolu 17** jispeċifika l-kriterji li għandhom jiġu kkunsidrati mill-Istati Membri meta jistabbilixxu penali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament u jistieden lill-Istati Membri jadottaw miżuri ta' assicurazzjoni tal-konformità biex jipprevjenu u jidentifikaw il-ksur.

**L-Artikoli 18, 19 u 20:** L-Artikolu 18 jikkonċerna t-tħassir u s-sostituzzjoni tar-Regolament (KE) 166/2006. L-Artikolu 20 jindirizza d-data tad-dħul fis-seħħ, filwaqt li l-Artikolu 19 jikkonċerna d-dispożizzjonijiet tranżizzjonali sa dik id-data.

**L-Anness I** jispeċifika l-attivitajiet li għalihom japplika r-Regolament, jiġifieri:

- l-installazzjonijiet li jwettqu attività waħda jew aktar speċifikati fl-Annessi I jew Ia tad-Direttiva 2010/75/UE u ogħla mil-livelli limitu applikabbli speċifikati fiha;
- l-impjanti tal-kombustjoni ta' daqs medju ogħla minn kapaċità ta' 20 MW (megawatts);

- l-attivitajiet addizzjonali li huma speċifikati fil-Protokoll iżda li mhumiex koperti mil-leġiżlazzjoni ta' hawn fuq, jiġifieri: l-estrazzjoni taħt l-art (inkluża l-estrazzjoni ta' żejt mhux maħdum jew ta' gass mhux maħdum); il-proċess ta' tneħħija tas-saffi tal-wieċ ta' minjieri u xogħol fil-barrieri; l-impjanti akbar għat-trattament tal-ilma mormi urban; l-akkwakultura; u l-bini/iż-żarmar jew it-tneħħija ta' żebgħa/kisi biż-żebgħa tal-bastimenti.

Dan il-kamp ta' applikazzjoni għandu l-għan li jikseb koerenza ma' leġiżlazzjoni ambjentali oħra relatata mal-UE, inkluż id-Direttiva 2010/75/UE u d-Direttiva (UE) 2015/2193.

L-**Anness II** jistabbilixxi l-lista ta' inkwinanti li għandhom jiġu rrapportati u l-livelli limitu ta' akkumpanjament li jiskattaw ir-rapportar tar-rilaxxi.

L-**Anness III** huwa tabella ta' korrelazzjoni li telenka d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) 166/2006 u d-dispożizzjonijiet korrispondenti ta' din il-proposta.



Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar ir-rapportar ta' *data* ambjentali minn installazzjonijiet industrijali u l-istabbiliment ta' Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>29</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni<sup>30</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) It-tmien Programm ta' Azzjoni ambjentali tal-Unjoni Ewropea adottat bid-Deċiżjoni Nru XXX/202X/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>31</sup> jirrikjedi li l-Kummissjoni, l-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali u lokali u l-partijiet ikkonċernati, japplikaw b'mod effettiv standards għoljin ta' trasparenza, parteċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja f'konformità mal-Konvenzjoni tal-UNECE dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid tad-Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali<sup>32</sup> ("il-Konvenzjoni ta' Aarhus"), kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fil-livell tal-Istati Membri.
- (2) Il-Konvenzjoni ta' Aarhus, irratifikata mill-Komunità Ewropea fis-17 ta' Frar 2005 bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE, tirrikonoxxi li ż-żieda fl-aċċess pubbliku għall-infurmazzjoni ambjentali u t-tixrid ta' tali infurmazzjoni jikkontribwixxu għal

---

<sup>29</sup> ĠU C , , p. .

<sup>30</sup> ĠU C , , p. .

<sup>31</sup> Id-Deċiżjoni XXX/XXX/XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030 (ĠU L XXX, XX.XX.XX, p. XX)

<sup>32</sup> ĠU L 124, 17.5.2005, p. 4.

sensibilizzazzjoni akbar dwar kwistjonijiet ambjentali, skambju liberu ta' fehmiet, parteċipazzjoni aktar effettiva mill-pubbliku fit-teħid tad-deċiżjonijiet ambjentali u, eventwalment, għal ambjent aħjar.

- (3) Fit-2 ta' Diċembru 2005, il-Komunità Ewropea rratifikat il-Protokoll tal-UNECE dwar ir-Reġistri dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti ("il-Protokoll") bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/61/KE.
- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>33</sup>, stabbilixxa Regjistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti sabiex jiġi implimentat il-Protokoll.
- (5) It-tieni rapport tal-Kummissjoni<sup>34</sup> dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 166/2006 kkonkluda li l-obbligi tar-rapportar jenħtieġ li jiġu ssimplifikati billi jiġu esplorati aktar sinerġiji ma' leġislazzjoni ambjentali relatata oħra tal-Unjoni dwar it-tniġġis minn installazzjonijiet industrijali, inkluża, b'mod partikolari d-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>35</sup> u d-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE<sup>36</sup>. Ir-rapport enfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġu esplorati għażliet għal informazzjoni kurrentwali addizzjonali biex id-*data* rrapportata ssir aktar effettiva.
- (6) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija"<sup>37</sup>, stabbiliet pjan ta' azzjoni tal-Unjoni dwar tniġġis żero, enerġija, dekarbonizzazzjoni u ekonomija ċirkolari, u ppromoviet l-użu effettiv tal-informazzjoni rrapportata fil-qafas usa' ta' monitoraġġ u prospettiva ta' tniġġis żero u taħt il-qafas ta' monitoraġġ previst fit-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali.
- (7) F'konformità mal-konklużjonijiet tat-tieni rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 166/2006, f'Ġunju 2021, il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent ("l-Aġenzija"), żviluppat Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali ("il-Portal")<sup>38</sup> biex jissostitwixxi r-Regjistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti u għalhekk itejjeb is-sinerġiji mar-rapportar skont id-Direttiva 2010/75/UE.
- (8) Jenħtieġ li l-Portal jipprovdi lill-pubbliku b'aċċess mingħajr ħlas u online għal sett ta' *data* integrat u koerenti ulterjuri dwar il-pressjonijiet ambjentali ewlenin iġġenerati minn installazzjonijiet industrijali peress li tali *data* tikkostitwixxi għodda kosteffettiva għat-twettiq ta' paraguni u għat-teħid ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet ambjentali, filwaqt li jinkoraġġixxi prestazzjoni ambjentali aħjar, jittraċċa x-xejriet,

<sup>33</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar il-ħolqien ta' Regjistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 91/689/KEE u 96/61/KE (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 1).

<sup>34</sup> COM(2017) 810 final.

<sup>35</sup> Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis), ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

<sup>36</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament tal-ilma urban mormi, (ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40).

<sup>37</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija" tat-12 ta' Mejju 2021 (COM(2021) 400 final).

<sup>38</sup> <https://industry.eea.europa.eu/>

juri l-progress fit-tnaqqs tat-tniġġis, fl-installazzjonijiet ta' valutazzjoni komparattiva, fil-monitoraġġ tal-konformità mal-ftehimiet internazzjonali rilevanti, fl-istabbiliment tal-prijoritajiet u fl-evalwazzjoni tal-progress miksub permezz tal-politiki u l-programmi ambjentali tal-Unjoni u nazzjonali.

- (9) Jenħtieġ li l-Portal jippreżenta d-*data* li jkun fih f'forom aggregati u mhux aggregati biex l-utenti jkunu jistgħu jwettqu tfittxijiet immirati.
- (10) Ir-rekwiżiti tar-rapportar jenħtieġ li japplikaw fil-“livell tal-installazzjoni” sabiex jiġu implimentati sinerġiji bejn il-Portal u l-bażijiet tad-*data* dwar il-pressjonijiet ambjentali minn installazzjonijiet industrijali, inklużi daww koperti mid-Direttiva 2010/75/UE, u biex tiġi żgurata l-koerenza mal-implimentazzjoni ta' dik id-Direttiva u l-appoġġ għaliha.
- (11) Sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Protokoll, ir-rekwiżiti tar-rapportar jenħtieġ li japplikaw għall-attivitajiet kollha elenkati fl-Anness I. Barra minn hekk, u bil-ħsieb li jinkisbu sinerġiji mal-leġiżlazzjoni ambjentali relatata tal-Unjoni li taffettwa l-installazzjonijiet industrijali, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jallinja wkoll mal-attivitajiet industrijali skont l-Annessi I u Ia tad-Direttiva 2010/75/UE u ma' attivitajiet magħżula koperti mid-Direttiva (UE) 2015/2193 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>39</sup>.
- (12) Sabiex tiġi mmonitorjata l-prestazzjoni ambjentali tal-installazzjonijiet industrijali, id-*data* li għandha tiġi inkluża fil-Portal jenħtieġ li tkopri, 'il fuq mil-livelli limitu kwantitattivi, ir-rilaxxi fl-ambjent ta' ċerti inkwinanti, it-trasferimenti barra mis-sit tal-ilma mormi li jkun fih dawn l-inkwinanti u t-trasferimenti barra mis-sit tal-iskart.
- (13) Jenħtieġ li l-Portal jinkludi wkoll *data* dwar l-użu tal-ilma, tal-enerġija u tal-materja prima mill-installazzjonijiet ikkonċernati biex ikun jista' jsir monitoraġġ tal-progress lejn ekonomija ċirkolari u effiċjenti ħafna fir-riżorsi
- (14) Il-Konvenzjoni ta' Aarhus, irrattifikata mill-Komunità Ewropea fis-17 ta' Frar 2005 mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE<sup>40</sup>, tirrikonoxxi li ż-żieda fl-aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali u t-tixrid ta' tali informazzjoni jikkontribwixxu għal sensibilizzazzjoni akbar dwar kwistjonijiet ambjentali, skambju liberu ta' fehmiet, parteċipazzjoni aktar effettiva mill-pubbliku fit-teħid ta' deċiżjonijiet ambjentali u, eventwalment, għal ambjent aħjar.
- (15) L-operaturi tal-installazzjonijiet jenħtieġ li jirrapportaw ukoll informazzjoni dwar il-volum tal-produzzjoni, l-għadd ta' impjegati u s-siġhat ta' tħaddim tal-installazzjoni kkonċernata kif ukoll informazzjoni dwar inċidenti li wasslu għal rilaxxi, sabiex tkun tista' ssir il-kuntestwalizzazzjoni tad-*data* rrapportata dwar ir-rilaxxi ta' inkwinanti u t-trasferimenti barra mis-sit tal-iskart u tal-ilma mormi.

<sup>39</sup> Id-Direttiva (UE) 2015/2193 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar il-limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' ċerti sustanzi niġġiesa fl-arja minn impjanti tal-kombustjoni medji (ĠU L 313, 28.11.2015, p. 1).

<sup>40</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta' Frar 2005 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteeipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali (ĠU L 124, 17.05.2005, p. 1).

- (16) Il-benefiċċju ġenerali tal-Portal għall-aċċess għal informazzjoni ambjentali dwar installazzjonijiet industrijali jenħtieġ li jiġi massimizzat billi jiġu inklużi rabtiet ma' flussi ta' informazzjoni oħra li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni dwar it-tibdil fil-klima, il-protezzjoni tal-arja, tal-ilma u tal-art u dwar il-ġestjoni tal-iskart, inkluż ir-rapportar skont id-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>41</sup>, id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>42</sup> u d-Direttiva 2010/75/UE. Barra minn hekk, sabiex jiġi mmassimizzat il-valur tal-Portal għall-utenti, jenħtieġ li dan jitfassal biex jiffaċilita l-integrazzjoni futura ma' flussi rilevanti oħra ta' *data* ambjentali.
- (17) Għall-finijiet taċ-ċertezza ġuridika, l-operaturi tal-installazzjonijiet jenħtieġ li jkunu rikjesti li jdaħħlu redditi żero meta r-rilaxxi u t-trasferimenti barra mis-sit tal-iskart u tal-ilma mormi mill-installazzjonijiet tagħhom ikunu taħt il-livelli limitu tar-rapportar.
- (18) Sabiex tittejjeb il-kwalità tad-*data* rrapportata u biex tiġi żgurata l-komparabbiltà tagħha, jixraq li jiġu armonizzati l-metodi ta' kwantifikazzjoni li għandhom jintużaw mill-operaturi meta jirrapportaw ir-rilaxxi, it-trasferimenti barra mis-sit tal-iskart, it-trasferimenti barra mis-sit tal-ilma mormi u l-użu tar-riżorsi. Għalhekk, l-operaturi jenħtieġ li jkunu meħtieġa jużaw, bħala prijorità, il-kejl bħala l-aktar metodu ta' kwantifikazzjoni akkurat u, jekk mhux prattikabbli, il-kalkolu, filwaqt li l-istima jenħtieġ li tintuża biss bħala l-aħħar għażla.
- (19) Peress li l-operaturi tal-installazzjonijiet tal-produzzjoni tal-bhejjem u tal-akkwakultura jistgħu ma jkollhomx ir-riżorsi meħtieġa biex jikkwantifikaw b'mod akkurat ir-rilaxxi intenzjonati tagħhom ta' inkwinanti, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu intitolati li jikkwantifikawhom f'isimhom.
- (20) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament rigward ir-rapportar mill-Istati Membri, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi t-tip u l-format tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta u l-iskadenzi tar-rapportar. Jenħtieġ li daww is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>43</sup>.
- (21) Minħabba l-importanza li ċ-ċittadini tal-Unjoni jkollhom aċċess rapidu għall-informazzjoni ambjentali, huwa essenzjali li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jagħmlu d-*data* disponibbli għall-pubbliku malajr kemm ikun teknikament fattibbli. Għal dak il-għan, filwaqt li l-iskadenza preċiża tar-rapportar għandha tiġi stabbilita f'att ta' implimentazzjoni, jenħtieġ li ma tkunx aktar tard minn 11-il xahar wara t-tmiem tas-sena tar-rapportar.

<sup>41</sup> Id-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-kontroll ta' perikoli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikolużi, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 1).

<sup>42</sup> Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

<sup>43</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (22) Fejn xieraq, il-Portal jenħtieġ li jiffaċilita wkoll l-aċċess għal informazzjoni dwar rilaxxi minn sorsi diffużi sabiex daww li jieħdu d-deċiżjonijiet ikunu jistgħu jqiegħdu f'kuntest aħjar daww ir-rilaxxi u jagħżlu l-aktar soluzzjoni effettiva għat-tnaqqis tat-tniġġis.
- (23) Id-*data* rrapportata mill-Istati Membri jenħtieġ li tkun ta' kwalità għolja b'mod partikolari fir-rigward tal-akkuratezza, il-kompletezza, il-konsistenza u l-kredibbiltà tagħha. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw il-kwalità tad-*data* pprovduta mill-operaturi.
- (24) L-aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali rrapportata mill-Istati Membri jenħtieġ li ma jkunx ristrett u jenħtieġ li l-eċċezzjonijiet minn din ir-regola jkunu possibbli biss f'konformità mad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>44</sup> jew mar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>45</sup>, kif xieraq.
- (25) Il-parteċipazzjoni pubblika jenħtieġ li tiġi żgurata fl-iżvilupp ulterjuri tal-Portal billi jiġu pprovduti opportunitajiet bikrija u effettivi biex jiġu ppreżentati kummenti, informazzjoni, analiżi u opinjonijiet għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.
- (26) Sabiex ittejjeb l-utilità u l-impatt tal-Portal, il-Kummissjoni, appoġġata mill-Aġenzija, jenħtieġ li tiżviluppa gwida li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (27) Jenħtieġ li jkun possibbli għall-Kummissjoni li taġġorna l-lista ta' attivitajiet industrijali jew agrikoli li fir-rigward tagħhom japplikaw ir-rekwiżiti tar-rapportar. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat li jemenda l-Anness I ta' dan ir-Regolament biex iżżid attivitajiet li għandhom, jew huwa mistenni li jkollhom, impatt fuq is-saħħa jew l-ambjent u li jallinjaw l-Anness mal-emendi għall-Protokoll.
- (28) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata wkoll is-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat biex temenda l-Anness II ta' dan ir-Regolament biex jiġu ddeterminati l-livelli limitu tar-rapportar, biex jiżdiedu inkwinanti li huma soġġetti għal miżuri regolatorji speċifiċi skont id-dritt tal-Unjoni dwar il-kwalità tal-ilma u tal-arja u dwar is-sustanzi kimiċi, inklużi r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>46</sup>, id-Direttivi 2000/60/KE<sup>47</sup>, 2004/107/KE<sup>48</sup>,

<sup>44</sup> Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).

<sup>45</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

<sup>46</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

<sup>47</sup> Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

2006/118/KE<sup>49</sup>, 2008/50/KE<sup>50</sup> u 2008/105/UE<sup>51</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, biex jiġu riflessi l-bidliet li saru fil-Protokoll fir-rigward tal-inkwinanti li għandhom jiġu rrapportati jew il-livelli limitu tar-rapportar tagħhom, u biex dak l-Anness jiġi adattat għall-progress xjentifiku jew tekniku.

- (29) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata wkoll is-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat biex temenda l-Anness II ta' dan ir-Regolament biex jiġu ddeterminati l-livelli limitu tar-rapportar, biex jiżdiedu inkwinanti li huma soġġetti għal miżuri regolatorji speċifiċi skont id-dritt tal-Unjoni dwar il-kwalità tal-ilma u tal-arja u dwar is-sustanzi kimiċi, inklużi r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>52</sup>, id-Direttivi 2000/60/KE<sup>53</sup>, 2004/107/KE<sup>54</sup>, 2006/118/KE<sup>55</sup>, 2008/50/KE<sup>56</sup> u 2008/105/UE<sup>57</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, biex jiġu riflessi l-bidliet li saru fil-Protokoll fir-rigward tal-inkwinanti li għandhom jiġu rrapportati jew il-livelli limitu tar-rapportar tagħhom, u biex dak l-Anness jiġi adattat għall-progress xjentifiku jew tekniku.
- (30) Meta tadotta atti delegati, huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawh il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>58</sup>. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-

<sup>48</sup> Id-Direttiva 2004/107/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarboni aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali (ĠU L 23, 26.1.2005, p. 3).

<sup>49</sup> Id-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament (ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19).

<sup>50</sup> Id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1).

<sup>51</sup> Id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 84).

<sup>52</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

<sup>53</sup> Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

<sup>54</sup> Id-Direttiva 2004/107/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarboni aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali (ĠU L 23, 26.1.2005, p. 3).

<sup>55</sup> Id-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament (ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19).

<sup>56</sup> Id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1).

<sup>57</sup> Id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 84).

<sup>58</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għall-aqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejn ta' atti delegati.

- (31) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tiegħu u jenħtieġ li jiżguraw li dawn jiġu implimentati.
- (32) Peress li r-Regolament (KE) Nru 166/2006 hemm bżonn li jiġi mmodifikat sostanzjalment, jenħtieġ li jiġi sostitwit b'dan ir-Regolament għal raġunijiet ta' ċertezza ġuridika, ċarezza u trasparenza.
- (33) Minħabba li l-oġġettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jittejjeb l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali permezz tal-ħolqien ta' bażi tad-*data* elettronika integrata, koerenti u mifruxa mal-Komunità kollha, ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri peress li l-*data* għal *data* komparabbli fl-Istati Membri kollha titlob livell għoli ta' armonizzazzjoni, iżda jista' jintlaħaq aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-oġġettiv.
- (34) Ir-rekwiżiti tar-rapportar stabbiliti b'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw mis-sena tar-rapportar 2025 sabiex l-Istati Membri u l-operaturi kkonċernati jkollhom biżżejjed żmien biex jieħdu l-miżuri meħtieġa.
- (35) Sabiex tiġi żgurata kemm il-kontinwità tad-*data* kif ukoll iċ-ċertezza ġuridika, ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 jenħtieġ li jkompli japplika għas-sena tar-rapportar 2024.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1* **Suġġett**

Dan ir-Regolament jimplimenta l-Protokoll tal-UNECE dwar ir-Reġistri dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti ("il-Protokoll") billi jistabbilixxi regoli dwar il-ġbir u r-rapportar tad-*data* ambjentali dwar l-installazzjonijiet industrijali u jistabbilixxi Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali ("Portal") fil-livell tal-Unjoni fil-forma ta' bażi tad-*data* online li tagħti aċċess għal tali *data*.

### *Artikolu 2*

## Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) “installazzjoni” tfisser unità teknika stazzjonarja li fiha titwettaq attività waħda jew aktar minn dawk elenkati fl-Anness I, u kull attività oħra direttament assoċjata li jkollha konnessjoni teknika mal-attivitàjiet imwettqa fuq dak is-sit u li jista' jkollha effett fuq emissjonijiet u tniġġis;
- (2) “sit” tfisser il-post ġeografiku fejn tinsab l-installazzjoni;
- (3) “il-pubbliku” tfisser il-pubbliku kif definit fil-punt (16) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2010/75/UE;
- (4) “rilaxx” tfisser kwalunkwe introduzzjoni ta' inkwinanti fl-ambjent bħala riżultat ta' kwalunkwe attività tal-bniedem, kemm jekk deliberata jew aċċidentali, ta' rutina jew mhux ta' rutina, inkluż tixrid, emissjoni, ħruġ, injezzjoni, rimi jew ħatt, jew permezz ta' sistemi ta' dranaġġ mingħajr trattament finali tal-ilma mormi;
- (5) “inkwinant” tfisser sustanza jew grupp ta' sustanzi li tista' tkun / jista' jkun ta' periklu għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem minħabba l-proprjetajiet tagħha/tiegħu u l-introduzzjoni tagħha/tiegħu fl-ambjent;
- (6) “sustanza” tfisser sustanza kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2010/75/UE;
- (7) “operatur” tfisser operatur kif definit fil-punt (15) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2010/75/UE;
- (8) “trasferiment barra mis-sit” tfisser il-moviment lill-hinn mill-fruntieri ta' installazzjoni ta' skart destinata għall-irkupru jew għar-rimi u ta' inkwinanti f' ilma mormi destinat għat-trattament tal-ilma mormi;
- (9) “skart” tfisser skart kif definit fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>59</sup>;
- (10) “ilma mormi” tfisser ilma mormi li ġej minn sorsi urbani, domestiċi jew industrijali, kif definit fl-Artikolu 2 (1), (2) u (3) tad-Direttiva 91/271/KEE u kwalunkwe ilma użat ieħor li huwa soġġett għar-regolamentazzjoni mid-dritt tal-Unjoni minħabba s-sustanzi jew oġġetti li fih;
- (11) “sorsi diffużi” tfisser il-ħafna sorsi iżgħar jew sparpaljati li minnhom jista' jkun hemm rilaxx ta' inkwinanti fl-art, fl-arja jew fl-ilma, li l-impatt ikkombinat tagħhom fuq dawk il-mezzi jista' jkun sinifikanti u li għalihom ma huwiex prattiku li jinġabru rapporti minn kull sors individwali;

<sup>59</sup> Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).



- (12) “awtorità kompetenti” tfisser l-awtorità jew l-awtoritajiet nazzjonali, jew kwalunkwe korp kompetenti jew aktar, maħtura mill-Istati Membri;
- (13) “skart perikoluż” tfisser skart perikoluż kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/98/KE;
- (14) “irkupru” tfisser kwalunkwe operazzjoni msemmija fl-Anness II tad-Direttiva 2008/98/KE;
- (15) “rimi” tfisser kwalunkwe operazzjoni msemmija fl-Anness I tad-Direttiva 2008/98/KE;
- (16) “sena tar-rapportar” tfisser is-sena kalendarja li għaliha trid tinġabar id-*data*.

### *Artikolu 3* **Kontenut tal-Portal**

1. Il-Portal għandu jinkludi d-*data* dwar:
  - (a) ir-rilaxxi ta' inkwinanti kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 5(1);
  - (b) it-trasferimenti barra mis-sit tal-iskart kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 5(1), u ta' inkwinanti fl-ilma mormi kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 5(1);
  - (c) l-użu tar-riżorsi tal-ilma, tal-enerġija u tal-materja prima kif imsemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 5(1);
  - (d) l-informazzjoni kurrentwali kif imsemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 5(1);
  - (e) fejn disponibbli, id-*data* dwar ir-rilaxxi ta' inkwinanti minn sorsi diffużi imsemmija fl-Artikolu 7(1).
2. Il-Portal għandu jinkludi links għal dawn li ġejjin:
  - (a) ir-reġistri nazzjonali dwar ir-rilaxx u t-trasferiment ta' inkwinanti stabbiliti mill-Istati Membri f'konformità mal-Protokoll;
  - (b) reġistri, bazzijiet tad-*data* jew siti web eżistenti oħra aċċessibbli għall-pubbliku, stabbiliti fil-livell tal-Istati Membri jew tal-Unjoni, li jipprovdu aċċess għar-rekwiżiti tar-rapportar stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar it-tibdil fil-klima, il-protezzjoni tal-arja, tal-ilma u tal-art, u dwar il-ġestjoni tal-iskart.

### *Artikolu 4* **Disinn u struttura tal-Portal**

1. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-Portal aċċessibbli għall-pubbliku, u għandha tippreżenta d-*data* kemm f'forma aggregata kif ukoll f'forma mhux aggregata bil-għan li tippermetti tfittxijiet skont:
  - (a) l-installazzjoni, inkluża l-kumpanija omm tal-installazzjoni fejn applikabbli, u s-sit ġeografiku tagħha, inkluż il-baċir tax-xmara;
  - (b) l-attività;
  - (c) l-okkorrenza fuq livell tal-Istati Membri jew Komunitarju;
  - (d) l-inkwinanti, l-iskart jew ir-riżorsa, kif xieraq;
  - (e) il-mezz ambjentali (l-arja, l-ilma, l-art) li fih sar ir-rilaxx tal-inkwinant;
  - (f) it-trasferimenti barra mis-sit tal-iskart u, kif xieraq, id-destinazzjoni tagħhom;
  - (g) it-trasferimenti barra mis-sit ta' inkwinanti fl-ilma mormi;
  - (h) is-sorsi diffużi;
  - (i) is-sid jew l-operatur tal-installazzjoni.
2. Il-Portal għandu jkun iddisinjat sabiex l-aċċess pubbliku jkun l-iktar faċli possibbli sabiex id-*data*, taħt kundizzjonijiet operattivi normali, tkun kontinwament u immedjatament aċċessibbli fuq l-internet. Id-disinn tiegħu għandu jqis il-possibbiltà tal-espansjoni futura tiegħu u għandu jinkludi kull *data* li ġiet irrapportata fis-snin preċedenti tar-rapportar, sa mill-inqas l-aħħar għaxar snin preċedenti tar-rapportar.

#### *Artikolu 5*

#### **Rapportar mill-operaturi lill-awtoritajiet kompetenti**

1. L-operatur ta' kull installazzjoni li jwettaq waħda jew aktar mill-attivitajiet speċifikati fl-Anness I, li jissodisfaw il-livelli limitu ta' kapacià applikabbli speċifikati f'dak l-Anness, għandu jirrapporta kull sena, lill-awtorità kompetenti tiegħu, id-*data* li ġejja, sakemm dik id-*data* ma tkunx diġà disponibbli għall-awtorità kompetenti:
  - (a) ir-rilaxxi fl-arja, fl-ilma, jew fl-art ta' kwalunkwe inkwinant speċifikat fl-Anness II li għalihom il-valur ta' livell limitu applikabbli speċifikat fl-Anness II jkun inqabeż;
  - (b) it-trasferimenti barra mis-sit ta' skart perikoluż ta' piż ta' aktar minn żewġ tunnelli fis-sena jew ta' skart mhux perikoluż li l-piż tiegħu hu aktar minn 2 000 tunnelli fis-sena, għal kwalunkwe operazzjoni ta' rkupru jew ta' rimi bl-eċċezzjoni tal-operazzjonijiet ta' rimi bi trattament tal-art u injezzjoni fil-fond

kif imsemmi fl-Anness I tad-Direttiva 2008/98/KE, b'indikazzjonijiet bl-ittri "R" jew "D" rispettivament jekk l-iskart huwa destinat għall-irkupru jew għar-rimi u, għal movimenti li jaqsmu l-fruntieri ta' skart perikoluż, l-isem u indirizz ta' min se jirkupra jew min se jarmi l-iskart u s-sit effettiv ta' fejn se jsir l-irkupru jew ir-rimi. L-iskart li jkun soġġett għal operazzjonijiet ta' rimi bi trattament tal-art jew injezzjoni fil-fond għandu jiġi rrapportat bħala rilaxx għall-art mill-operatur tal-installazzjoni li minnha joriġina l-iskart biss;

- (c) it-trasferimenti barra mis-sit ta' kwalunkwe inkwinant speċifikat fl-Anness II f'ilma mormi li huwa destinat għat-trattament tal-ilma mormi li għalih il-valur ta' livell limitu speċifikat fl-Anness II, taħt kolonna 1b inqabeż;
  - (d) l-użu tal-ilma, tal-enerġija u tal-materja prima;
  - (e) l-informazzjoni li tippermetti l-kuntestwalizzazzjoni tad-*data* rrapportata skont il-punti (a) sa (d), inkluż il-volum tal-produzzjoni, l-għadd ta' impjegati, l-għadd ta' sigħat ta' tħaddim, u informazzjoni dwar aċċidenti li wasslu għal rilaxxi;
  - (f) l-informazzjoni dwar jekk l-installazzjoni hijiex koperta wkoll mid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>60</sup>, mid-Direttiva 91/271/KEE, id-Direttiva 2010/75/UE, mid-Direttiva 2012/18/UE, mid-Direttiva (UE) 2015/2193 jew minn kwalunkwe leġiżlazzjoni ambjentali oħra tal-Unjoni identifikata fil-format tar-rapportar imsemmi fl-Artikolu 6.
2. Meta r-rilaxxi msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), jew it-trasferimenti barra s-sit ta' inkwinanti msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (c), ma jaqbżux il-valuri ta' livell limitu applikabbli speċifikati fl-Anness II, jew meta t-trasferimenti tal-iskart lil hinn mis-sit ma jaqbżux il-limiti stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punt (b), l-operatur tal-installazzjoni kkonċernata għandu jiddikjara, fir-rapport tiegħu, li r-rilaxxi jew it-trasferimenti lil hinn mis-sit huma taħt daww il-valuri jew il-livelli limitu.
3. L-operaturi għandhom jiksibu d-*data* msemmija fil-paragrafu 1 permezz ta' kejl. Meta l-kejl ma jkunx prattikabbli, l-operaturi għandhom jużaw il-kalkolu. Fejn la l-kejl u lanqas il-kalkolu ma jkunu prattikabbli, l-operaturi jistgħu jiksibu d-*data* permezz ta' stima.
4. L-operaturi għandhom jispeċifikaw fir-rapport il-metodi użati għall-kisba tad-*data*. Fejn id-*data* tkun inkisbet permezz ta' kejl, għandu jiġi indikat il-metodu analitiku. Fejn id-*data* tkun inkisbet permezz ta' kalkolu, għandu jiġi indikat il-metodu ta' kalkolu.

<sup>60</sup> Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

5. Meta jiġi ppreparat ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1, l-operatur ikkonċernat għandu juża l-aħjar informazzjoni disponibbli, li tista' tinkludi d-*data* minn monitoraġġ, il-fatturi ta' emissjoni, l-ekwazzjonijiet ta' bilanċ ta' massa, il-monitoraġġ indirett jew kalkoli oħra, il-ġudizzji ta' inġinerija u metodi oħra skont l-Artikolu 8(1) u f'konformità ma' metodoloġiji approvati internazzjonalment, fejn dawn ikunu disponibbli.
6. Ir-rilaxxi msemmija fl-Anness II rrapportati skont il-paragrafu 1, punt (a), għandhom jinkludu r-rilaxxi kollha mis-sorsi kollha inklużi fl-Anness I fis-sit tal-installazzjoni.
7. Id-*data* msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi rilaxxi u trasferimenti rrapportati bħala totali ta' kull attività magħmula deliberatament, aċċidentalment, bħala rutina u mhux bħala rutina. Meta jipprovdu din id-*data*, l-operaturi għandhom jispeċifikaw kwalunkwe *data* li tkun marbuta ma' rilaxxi aċċidentali, meta din tkun disponibbli.
8. L-operatur ta' kull installazzjoni għandu jiġbor bi frekwenza xierqa id-*data* meħtieġa sabiex jiġi determinat liema mir-rilaxxi mill-installazzjoni u mit-trasferimenti barra mis-sit huma soġġetti għar-rekwiżiti tar-rapportar taħt paragrafu 1.
9. L-operatur ta' kull installazzjoni kkonċernata għandu jżomm għall-awtoritajiet kompetenti tiegħu r-reġistri li minnhom ittiegħdet id-*data* rapportata għal perjodu ta' ħames snin, li jibda mit-tmiem tas-sena tar-rapportar ikkonċernata. Dawn ir-reġistri għandhom jispjegaw ukoll il-metodoloġija li ntużat għall-ġbir tad-*data*.
10. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jikkwantifikaw huma stess ir-rilaxxi intenzjonati msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), f'isem l-operaturi tal-installazzjonijiet koperti mill-Attività 2 elenkati fl-Anness I u mill-Attività 7 elenkata fl-Anness I. F'dawn il-każijiet, il-paragrafi 1 sa 9 ma għandhomx japplikaw għal dawk l-operaturi fir-rigward ta' tali rilaxxi.
11. Wara li jitqiesu r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 6, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw data sa meta l-operaturi għandhom jipprovdu d-*data* msemmija f'dan l-Artikolu lill-awtorità kompetenti tagħhom.

#### *Artikolu 6*

#### **Rapportar mill-Istati Membri lill-Kummissjoni**

1. Kull sena, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni, b'mezz elettroniku, rapport li jkun fih id-*data* kollha msemmija fl-Artikolu 5 f'format u sa data li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2). Fi kwalunkwe każ, id-*data* tar-rapportar għandha tkun mhux aktar tard minn 11-il xahar wara t-tmiem tas-sena tar-rapportar.
2. Is-servizzi tal-Kummissjoni, assistiti mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent ("l-Aġenzija"), għandhom jinkorporaw id-*data* rrapportata mill-Istati Membri fil-Portal fi żmien xahar mit-tlestija tar-rapportar mill-Istati Membri f'konformità mal-paragrafu 1.

#### *Artikolu 7*

#### **Data dwar ir-rilaxxi ta' inkwinanti minn sorsi diffużi**

1. Il-Kummissjoni, assistita mill-Aġenzija, għandha tinkludi fil-Portal id-*data* dwar ir-rilaxxi ta' inkwinanti minn sorsi diffużi fejn teżisti tali *data* u diġà tkun ġiet irrapportata mill-Istati Membri.
2. Id-*data* disponibbli fuq il-Portal għandha tippermetti lill-utenti jfittxu u jidentifikaw ir-rilaxxi ta' inkwinanti minn sorsi diffużi skont diżaggregazzjoni ġeografika adegwata u għandha tinkludi informazzjoni dwar it-tip ta' metodoloġija użata sabiex tinkiseb id-*data*.
3. Fejn tiddetermina li ma teżisti ebda *data* dwar ir-rilaxxi minn sorsi diffużi, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 15 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tibda rapportar dwar ir-rilaxxi ta' inkwinanti rilevanti minn sorsi diffużi wieħed jew aktar billi jintużaw, fejn ikunu xierqa, metodoloġiji approvati f'livell internazzjonali.

#### *Artikolu 8*

#### **Assigurazzjoni u valutazzjoni tal-kwalità**

1. L-operaturi tal-installazzjoni soġġetta għar-rekwiżiti tar-rapportar imsemmija fl-Artikolu 5 għandhom jiżguraw il-kwalità tad-*data* li jirrapportaw.
2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-kwalità tad-*data* pprovduta mill-operaturi tal-installazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, b'mod partikolari dwar l-akkuratezza, il-kompletezza, il-konsistenza u l-kredibbiltà tagħhom.

*Artikolu 9*  
**Aċċess għall-informazzjoni**

1. Il-Kummissjoni, assistita mill-Aġenzija, għandha tagħmel id-*data* li tinsab fil-Portal aċċessibbli għall-pubbliku u mingħajr ħlas fuq l-internet fi żmien xahar mit-tlestija tar-rapportar mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 6(1).
2. Meta d-*data* li tinstab fil-Portal ma tkunx aċċessibbli faċilment għall-pubbliku fuq l-internet, l-Istat Membru kkonċernat u l-Kummissjoni għandhom jiffaċilitaw l-aċċess elettroniku għall-Portal f'postijiet aċċessibbli għall-pubbliku.
3. Kull Stat Membru għandu jagħmel disponibbli għall-pubbliku d-*data* tiegħu, irrapportata f'konformità mal-Artikolu 5 u, fejn disponibbli, l-Artikolu 7(1), b'mod kontinwu, mingħajr ħlas u mingħajr ma jirrestrinġi l-aċċess għall-utenti rreġistrati.

*Artikolu 10*  
**Kunfidenzjalità**

Meta d-*data* titqies kunfidenzjali minn Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2003/4/KE, ir-rapport imsemmi fl-Artikolu 6(2) ta' dan ir-Regolament għas-sena tar-rapportar ikkonċernata għandu jindika separatament għal kull installazzjoni liema *data* ma tkunx tista' ssir pubblika u għandu jagħti r-raġunijiet għal dan.

*Artikolu 11*  
**Parteċipazzjoni pubblika**

1. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-pubbliku b'opportunitajiet bikrija u effettivi sabiex jieħu sehem fl-iżvilupp ulterjuri tal-Portal, inkluż it-tiżiħ tal-kapaċità u l-preparazzjoni ta' emendi għal dan ir-Regolament.
2. Il-pubbliku għandu jkollu l-opportunità li jippreżenta kummenti, informazzjoni, analiżi jew opinjonijiet f'qafas ta' żmien raġonevoli.
3. Il-Kummissjoni se tqis kif dovut it-tali input u għandha tinforma lill-pubbliku dwar l-eżitu tal-parteċipazzjoni pubblika.

*Artikolu 12*

## Gwida

Il-Kummissjoni, assistita mill-Aġenzija, għandha tfassal u taġġorna perjodikament gwida li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, li tindirizza mill-inqas dan li ġej:

- (a) il-proċeduri tar-rapportar;
- (b) id-*data* li għandha tiġi rapportata;
- (c) l-assigurazzjoni u l-valutazzjoni tal-kwalità;
- (d) l-indikazzjoni tat-tip ta' *data* miżmuma u r-raġuni għaliex ġiet miżmuma fil-każ ta' *data* kunfidenzjali;
- (e) ir-referenza għal metodi approvati internazzjonalment għad-determinazzjoni, għall-analiżi u għall-kampjunar tar-rilaxx;
- (f) l-indikazzjoni tal-kumpaniji omm.

### *Artikolu 13* **Sensibilizzazzjoni**

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jippromwovu l-għarfien pubbliku tal-Portal u l-fehim u l-użu tad-*data* li tinsab fih.

### *Artikolu 14* **Emendi għall-Annessi**

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 15 sabiex temenda l-Anness I għal wieħed jew aktar mill-finijiet li ġejjin:
  - (a) sabiex tiżdied attività industrijali jew agrikola li għandha, jew li huwa mistenni li jkollha, impatt fuq is-saħħa jew l-ambjent bħala konsegwenza tar-rilaxxi ta' inkwinanti, tat-trasferimenti tal-iskart jew tal-ilma mormi jew tal-użu tar-riżorsi tagħha; ir-rilaxxi jew it-trasferimenti oġġla mil-livelli limitu tar-rapportar rispettivi, kif stabbilit fil-punt (b) tal-Artikolu 5(1) u fl-Anness II, se jkunu fattur primarju fid-determinazzjoni tal-impatt fuq is-saħħa jew fuq l-ambjent;
  - (b) sabiex jiġi allinjat mal-Protokoll wara l-adozzjoni ta' emenda għall-annessi tiegħu.
2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 15 sabiex temenda l-Anness II għal fini wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

- (a) sabiex tadattah għall-progress tekniku jew xjentifiku;
- (b) sabiex jiżdedu inkwinanti, li r-rilaxx tagħhom fl-arja, fl-ilma u fl-art ikollu, jew jista' jkollu, impatt avvers fuq l-ambjent jew fuq is-saħħa tal-bniedem, inklużi dawk li jiġu rilaxxati mill-attivitajiet imsemmija fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, u li jissodisfaw waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
  - (i) jiġu ddeżinjati bħala sustanzi ta' tħassib għoli ħafna fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006;
  - (ii) jiġu ddeżinjati bħala sustanzi prijoritarji skont id-Direttiva 2000/60/KE jew 2008/105/KE,
  - (iii) jiġu inklużi fil-listi ta' sorveljanza stabbiliti fil-qafas tad-Direttiva 2006/118/KE jew 2008/105/KE;
  - (iv) ikunu soġġetti għal valuri ta' limitu jew għal restrizzjonijiet oħra skont id-Direttivi 2008/50/KE, 2004/107/KE jew 2006/118/KE;
- (c) sabiex jistabbilixxi u jaġġorna l-livelli limitu għar-rilaxxi sabiex jintlaħaq l-għan li jinqabdu mill-inqas 90 % tar-rilaxxi ta' kull inkwinant fl-arja, fl-ilma u fl-art mill-attivitajiet imsemmija fl-Anness I; inklużi l-livelli limitu ta' zero għal sustanzi li juru periklu partikolarment għoli għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem;
- (d) sabiex jiġi allinjat mal-Protokoll wara l-adozzjoni ta' emenda għall-annessi tiegħu.

### *Artikolu 15*

### **Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 7(3) u fl-Artikolu 14 għal perjodu ta' ħames snin minn ... [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbokom daħħlu d-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 7(3) u fl-Artikolu 14 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir



effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċizzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 7(3) u l-Artikolu 14 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

#### *Artikolu 16*

#### **Proċedura ta' Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

#### *Artikolu 17*

#### **Penali u miżuri ta' assigurazzjoni tal-konformità**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur ta' dispożizzjonijiet adottati skont dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien, jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u b'dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwawhom.

2. Il-penali msemija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu multi proporzjonati għall-fatturat tal-persuna ġuridika jew għall-introjt tal-persuna fiżika li tkun wettqet il-ksur. Il-livell tal-multi għandu jiġi kkalkolat b'tali mod li jiġi żgurat li dawn effettivament iċaħħdu lill-persuna responsabbli għall-ksur mill-benefiċċji ekonomiċi derivati minn dak il-ksur. Il-livell tal-multi għandu jiżdied gradwalment għal ksur ripetut.
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-penali msemija fil-paragrafu 1 iqisu kif xieraq dan li ġej, kif applikabbli:
  - (a) in-natura, is-serjeta' u t-tul tal-ksur;
  - (b) il-karattru intenzjonali jew negliġenzi tal-ksur;
  - (c) il-popolazzjoni jew l-ambjent affettwat mill-ksur, filwaqt li jitqies l-impatt fuq l-oġġettiv li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent.
4. L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri ta' assigurazzjoni tal-konformità biex jipprevjenu u jidentifikaw il-ksur imsemmi fil-paragrafu 1.

#### *Artikolu 18*

##### **Tħassir**

Ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2026.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar (KE) Nru 166/2006 għandhom jinftiehem bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III.

#### *Artikolu 19*

##### **Dispożizzjonijiet tranżizzjonali**

Minkejja l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 18, ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 għandu jkompli japplika fir-rigward tar-rapportar għas-sena 2024.

#### *Artikolu 20*

##### **Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburg,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

### QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

#### Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rapportar ta' *data* ambjentali minn installazzjonijiet industrijali u li jistabbilixxi Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali

**Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)**

Qasam ta' politika: 09 Ambjent u Azzjoni Klimatika

#### Il-proposta hija marbuta ma'

- ☐ azzjoni ġdida
- ☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja<sup>61</sup>
- ☒ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti
- ☐ fużjoni ta' azzjoni waħda jew aktar f'azzjoni oħra/f'azzjoni ġdida

#### Objettiv(i)

##### Objettiv(i) ġenerali

L-objettiv ta' din il-proposta huwa li:

- (1) Taġġorna r-Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti (PRTR Ewropew) f'konformità mas-sejbiet tal-valutazzjoni tal-impatt li tlestiet dan l-aħħar billi toħloq Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali (il-Portal);
- (2) Ittejjeb l-aċċess tal-UE għall-informazzjoni ambjentali dwar l-installazzjonijiet industrijali;
- (3) Tistabbilixxi mill-ġdid il-Portal bħala strument ta' appoġġ għad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali (IED) u l-liġi ambjentali relatata tal-UE.

B'mod partikolari, din il-proposta se tgħin biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti:

- fil-Patt Ekoloġiku Ewropew: “Il-Kummissjoni se tirrieżamina l-miżuri tal-UE biex tindirizza t-tniġġis minn installazzjonijiet industrijali kbar.”;
- fil-Pjan ta' Azzjoni għal Tniġġis Żero: “[Reviżjoni tar-Regolament dwar l-IED u l-PRTR Ewropew].. se jkollu l-għan li... ittejjeb l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni ... u jagħmilha aktar faċli li jitqabblu l-prestazzjonijiet tal-Istati Membri fl-indirizzar tal-emissjonijiet industrijali.”.

<sup>61</sup> Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Il-proposti huma wkoll kompletament konformi mal-Aġenda 2030, b'mod partikolari fir-rigward tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli li ġejjin:

- “3.9: Jitnaqqas b'mod sostanzjali l-għadd ta' mwiet u mard minn sustanzi kimiċi perikolużi u mit-tniġġis u mill-kontaminazzjoni tal-arja, tal-ilma u tal-ħamrija;
- 9.4: Tittejjeb l-infrastruttura u ssir modifika retroattiva tal-industriji biex isiru sostenibbli, b'effiċjenza akbar fl-użu tar-riżorsi u adożzjoni akbar ta' teknoloġiji u proċessi industrijali nodfa u ambjentalment korretti, bil-pajjiżi kollha jieħdu azzjoni f'konformità mal-kapaċitajiet rispettivi tagħhom;
- 12.4 Jinkiseb l-immaniġġjar ambjentalment korrett tas-sustanzi kimiċi u l-iskart kollu fiċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, f'konformità mal-oqfsa internazzjonali miftiehma, u jitnaqqas b'mod sinifikanti r-rilaxx tagħhom fl-arja, fl-ilma u fil-ħamrija sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-impatti avversi tagħhom fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent;
- 12.5 Titnaqqas sostanzjalment il-ġenerazzjoni tal-iskart permezz tal-prevenzjoni, ittnaqqis, ir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid;
- 12.6 Il-kumpaniji, speċjalment il-kumpaniji kbar u tranżnazzjonali, jiġu mħeġġin jadottaw prattiki sostenibbli u jintegraw l-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà fiċ-ċiklu tar-rapportar tagħhom;
- 12.8 Jiġi żgurat li n-nies kullimkien ikollhom l-informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni rilevanti għall-iżvilupp sostenibbli u l-istil ta' ħajja f'konformità man-natura.”

(4) Obiettiv(i) speċifiku/speċifiċi

1. Tiġi mtejbja l-effettività tal-Portal billi jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fil-feedback dwar l-implimentazzjoni, eż. aġġornament tal-inkwinanti rrapportati, li jeħtieġu rapportar fil-livell tal-installazzjoni aktar milli fil-livell tal-faċilità;
2. Isir kontribut għall-obiettivi tal-ekonomija ċirkolari u għall-produzzjoni mhux tossika billi tintalab *data* addizzjonali dwar il-konsum tar-riżorsi, eż. l-użu tal-enerġija, tal-ilma, tal-materja prima, u billi l-lista ta' sustanzi rrapportati tkun aktar dinamika biex jiġu inkorporati is-sustanzi ta' tħassib emerġenti;
3. Isir kontribut għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija billi tinġabar *data* aktar akkurata dwar ir-rilaxxi ta' gassijiet serra minn attivitajiet industrijali;
4. Jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni settorjali tal-Portal sabiex jittejjeb l-għarfien dwar rilaxxi/trasferimenti industrijali sinifikanti oħra u biex tittejjeb il-koerenza mal-leġiżlazzjoni relatata, speċjalment id-Direttiva dwar l-IED u l-impjanti tal-kombustjoni medji.

(5) Riżultat(i) u impatt mistennija

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

L-emenda proposta għar-Regolament se tindirizza n-nuqqasijiet ta' implimentazzjoni identifikati fl-evalwazzjonijiet tal-PRTR Ewropew / tal-IED u se tgħin biex jintlaħqu għanijiet usa' tal-politika tal-EGD.

It-tranżizzjoni għar-rapportar fil-livell tal-installazzjoni (aktar milli fil-faċilità) se tistabbilixxi mill-ġdid ir-rabta mal-IED, u b'hekk tipprovdi metrika aktar affidabbli għall-prestazzjoni ambjentali tal-installazzjonijiet industrijali.

Il-forniment ta' *data* addizzjonali dwar il-konsum tar-riżorsi u r-rilaxxi tal-gassijiet serra se jgħin fil-promozzjoni ta' metodi ta' produzzjoni effiċjenti fir-riżorsi, ċirkolari u b'livell zero ta' emissjonijiet tal-karbonju billi jiġu identifikati dawk tajbin u ħżiena.

L-espansjonijiet tal-kamp ta' applikazzjoni settorjali se jiżguraw li l-Portal jagħti stampa aktar akkurata tar-rilaxxi / tat-trasferimenti ewlenin mill-attivitajiet industrijali tal-UE.

L-aġġornament tal-lista tal-inkwinanti tal-Anness II se jiżgura li l-ħtiġijiet attwali u futuri tal-informazzjoni jiġu ssodisfati b'mod aktar preċiż.

B'mod ġenerali, il-proposti se jgħinu biex jiġi żgurat li l-Portal jibqa' bażi tad-*data* komprensiva u faċli biex tintuża dwar il-post u l-prestazzjoni tal-installazzjonijiet industrijali tal-UE.

(6) Indikaturi tal-prestazzjoni

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

Il-Portal se jipprovdi informazzjoni li tinkludi l-emissjonijiet kumplessivi ta' inkwinanti għal kull installazzjoni u dan se jkun indikatur ewleni għat-traċċar tal-progress rivedut tal-IED fit-tnaqqis tal-impatt ambjentali. Dawn l-indikaturi se jkomplu jiġu prodotti kull sena b'mod komparabbli u faċilment aċċessibbli permezz tal-Portal, kif ġestit mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA).

Il-granularità akbar tar-rapportar tal-emissjonijiet ta' inkwinanti fil-livell tal-installazzjoni se tippermetti l-monitoraġġ tal-attivitajiet ewlenin, jiġifieri li l-prestazzjoni ambjentali tagħhom tkun qed titjieb jew tkun għadha lura.

L-inklużjoni tar-rapportar tal-użu tar-riżorsi se tippermetti d-definizzjoni ta' indikaturi ġodda dwar l-użu tal-materjali, l-ilma u l-enerġija, li se jippermettu t-traċċar tat-titjib fl-effiċjenza tar-riżorsi.

(7) Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

(8) Rekwiżit(i) li għandu/għandhom jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

Din id-dikjarazzjoni finanzjarja se tiżgura l-finanzjament għall-EEA biex jiġi stabbilit Portal tal-emissjonijiet industrijali aġġornat, estiż, faċli għall-utent u kompletament operazzjonali. Il-Portal jissostitwixxi l-PRTR Ewropew (Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti).

**Skeda ta' żmien:**

- **Q1-Q2 2024** — ħidma preparatorja: ħidma analitika għat-tfassil ta' moduli addizzjonali biex il-Portal jiġi allinjat mal-kamp ta' applikazzjoni usa' tal-IED u biex jiġi żgurat ir-rapportar dwar l-użu tar-riżorsi (il-materjali, l-ilma, l-enerġija) minbarra r-rilaxxi ta' inkwinanti.

- **Q3 2024** — il-fażi tat-test tal-Portal il-ġdid

- **Q1 2025** — tnedija tal-Portal aġġornat: il-ġbir tad-*data*, l-assigurazzjoni tal-kwalità u l-pubblikazzjoni

- (9) Valur miżjud tal-involvement tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza ġuridika, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involvement tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur li kieku kien jinholq mill-Istati Membri waħedhom.

**Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell Ewropew (*ex ante*)**

Fin-nuqqas ta' approċċ komuni għall-UE kollha għall-istabbiliment tar-rekwiżiti tar-rapportar, ikun diffiċli ħafna li titqabbel il-prestazzjoni ambjentali tal-installazzjonijiet fi Stati Membri differenti. Barra minn hekk, l-istandards tar-rapportar tal-UE jiġu adottati lil hinn mill-EU-27, li jfisser li *data* ambjentali komparabbli hija disponibbli wkoll għall-installazzjonijiet fil-pajjiżi tal-EFTA u tal-adeżjoni mal-UE.

**Valur miżjud tal-Unjoni li mistenni jkun iġġenerat (*ex post*)**

Il-Portal jipprovdi informazzjoni użata mill-Istati Membri kollha, li timminimizza l-ħtieġa li kull Stat Membru jistabbilixxi l-proċessi nazzjonali tiegħu stess. Dan jgħin il-komparabbiltà tad-*data*.

Barra minn hekk, l-impjanti industrijali regolati skont ir-Regolament, id-Direttiva dwar l-IED u d-Direttiva Seveso-III spiss jiġu mmonitorjati minn awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri differenti. Madankollu, il-Portal se jintegra din l-informazzjoni f'“punt uniku ta' servizz” wieħed u ċentralizzat. Se jagħmel ukoll rabtiet infurmati ma' bażijiet tad-*data* u sorsi ta' informazzjoni separati li jipprovdu informazzjoni kuntestwali, bħal dwar il-kwalità tal-arja u tal-ilma fil-viċinanza tal-installazzjonijiet. Dan jipprovdi ħafna informazzjoni dwar diversi aspetti relatati ma' dawn l-installazzjonijiet industrijali; informazzjoni li hija siewja għall-awtoritajiet kompetenti, l-industriji, l-NGOs, il-pubbliku u l-Kummissjoni (għall-finijiet tat-tfassil tal-politika u t-titjib fl-implimentazzjoni).

- (10) Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

Din se tkun it-tieni okkażjoni li fiha ġie emendat l-inventarju tal-emissjonijiet industrijali tal-Ewropa.

Fis-sena 2000, inholq l-ewwel inventarju tal-emissjonijiet tal-Ewropa (Reġistru Ewropew dwar l-Emissjonijiet ta' Sustanzi Niġġiesa; EPER) bħala konsegwenza

diretta tal-Artikolu 15(3) tad-Direttiva dwar l-IPPC tal-1996 (il-predeċessur tal-IED). L-Artikolu 15(3) iddikjara li:

*“Inventarju tal-emissjonijiet prinċipali u l-għejun responsabbli għandu jiġi publikat kull tliet snin mill-Kummissjoni fuq il-bażi tad-data mogħtija mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-format u d-dettalji meħtieġa għat-trażmissjoni tal-informazzjoni skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 19.*

*Skont l-istess proċedura, il-Kummissjoni tista' tipproponi miżuri biex tiżgura interkomparabbiltà u kumplementarjeta bejn id-data li tikkonċerna l-inventarju tal-emissjonijiet imsemmi fl-ewwel subparagrafu u d-data minn reġistri u għejun oħra ta' data dwar l-emissjonijiet.”*

Fl-2006, l-EPER ġie sostitwit mill-PRTR Ewropew (Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti) sabiex l-UE tissodisfa l-obbligi internazzjonali tagħha skont il-Protokoll ta' Kiev tal-UNECE għall-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-aċċess għall-informazzjoni ambjentali.

- (11) Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra

Din l-azzjoni hija konsistenti ma' għadd ta' politiki oħra tal-UE u inizjattivi li għaddejjin bħalissa li jirriżultaw mill-Patt Ekoloġiku Ewropew.

- (12) Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

L-għażla miżmuma hija li l-EEA tkompli timmaniġġja l-Portal u timplimenta l-bidliet addizzjonali kollha taħt is-superviżjoni tad-DG ENV. Dan huwa favorevoli peress li:

(1) hemm valur miżjud ċar fl-iżgurar ta' approċċ konsistenti madwar l-UE, li se jiġi esportat lejn il-Protokoll, li huwa wkoll il-parametru referenzjarju globali użat minn kontinenti oħra (eż. l-Amerka t'Isfel, il-Ġappun u l-OECD iġenerali).

(2) sinerġiji ovvjii mar-rwol tal-EEA fil-ġestjoni tal-informazzjoni ambjentali relatata mal-kwalità tal-arja, mal-kwalità tal-ilma, eċċ.

#### **Għażliet oħra investigati:**

Dipendenza biss fuq il-PRTRs żviluppati mill-Istati Membri. Bħala parti għall-Konvenzjoni ta' Aarhus u għall-Protokoll tagħha, l-UE hija meħtieġa timplimenta l-impenji tagħha. Fit-teorija, peress li l-Istati Membri huma partijiet għall-Protokoll ukoll, l-obbligi kollha li fih, setgħu ġew stabbiliti fil-leġislazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri. Madankollu, ma kien ikun hemm l-ebda garanzija ta' applikazzjoni konsistenti madwar l-UE f'dan il-każ peress li l-Protokoll fih għażliet għall-implimentazzjoni ta' xi dispożizzjonijiet. Pereżempju, l-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jistgħu jiġu ddefiniti bl-użu ta' livelli limitu tal-kapaċità jew tal-impjegati. Il-ħolqien tal-Portal jimminimizza l-ħtieġa li kull Stat Membru jistabbilixxi l-proċessi nazzjonali tiegħu stess u jgħin il-komparabbiltà tad-data.

- (13) Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva



☐ **durata limitata**

☐ Proposta/inizjattiva fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

☐ Impatt finanzjarju mill-SSSS sal-SSSS

☒ **durata mhux limitata**

Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu mill-2022 sal-2025, segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

(14) Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat/i<sup>62</sup>

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni permezz ta'

☐ aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☒ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;

☒ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71;

☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku diment li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li huma fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

(15) MIŻURI TA' ĠESTJONI

(16) Regoli tal-monitoraġġ u tar-rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

Se japplikaw regoli standard ta' monitoraġġ u rapportar għas-sussidji tal-UE lill-aġenziji deċentralizzati.

(17) Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

<sup>62</sup> Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fis-sit web tal-BUDG: <https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx>

- (18) Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

Se japplikaw regoli standard ta' monitoraġġ u rapportar għas-sussidji tal-UE lill-aġenziji deċentralizzati.

- (19) Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

Mhux applikabbli

- (20) Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-ħlas u fl-għeluq)

Mhux applikabbli

- (21) Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.*

Se japplikaw modalitajiet standard għas-sussidji tal-UE lil aġenziji tradizzjonali

- (22) IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA

- (23) Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja baġitarja tan-nefqa affettwata

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja                                   | Tip ta' nefqa                 | Kontribuzzjoni                      |                                      |                    |                                                                   |
|-----------------------------------------------|---------------------------------------------------|-------------------------------|-------------------------------------|--------------------------------------|--------------------|-------------------------------------------------------------------|
|                                               | Numru                                             | Diff./Mhux diff <sup>63</sup> | mill-pajjiżi tal-EFTA <sup>64</sup> | mill-pajjiżi kandidati <sup>65</sup> | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| 3                                             | 09.10.02 – L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) | Diff.                         | IVA                                 | IVA                                  | LE                 | LE                                                                |

<sup>63</sup> Diff. = Appropriazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Appropriazzjonijiet mhux differenzjati.

<sup>64</sup> EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

<sup>65</sup> Pajjiżi kandidati u, fejn ikun applikabbli, pajjiżi potenzjalment kandidati mill-Balkani tal-Punent.

(24) Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet

(25) Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali

☒ Il-proposta/l-inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

|                                                      |       |                                            |
|------------------------------------------------------|-------|--------------------------------------------|
| <b>Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali</b> | Numru | Intestatura 3 – Riżorsi naturali u ambjent |
|------------------------------------------------------|-------|--------------------------------------------|

miljuni ta' EUR (ittondjati għal tliet pozzizzjonijiet deċimali)

| <b>Aġenzija: EEA</b>                           |           |              | Sena<br><b>2024</b> | Sena<br><b>2025</b> | Sena<br><b>2026</b> | Sena<br><b>2027</b> | <b>TOTAL</b> |
|------------------------------------------------|-----------|--------------|---------------------|---------------------|---------------------|---------------------|--------------|
| Titolu 1: Nefqa fuq il-persunal                | Impenji   | (1a)         | 0,430               | 0,438               | 0,447               | 0,456               | <b>1,772</b> |
|                                                | Pagamenti | (2a)         | 0,430               | 0,438               | 0,447               | 0,456               | <b>1,772</b> |
| Titolu 2: Nefqa amministrattiva                | Impenji   | (1a)         | 0,050               | 0,050               | 0,020               | 0,020               | <b>0,140</b> |
|                                                | Pagamenti | (2a)         | 0,050               | 0,050               | 0,020               | 0,020               | <b>0,140</b> |
| Titolu 3: Nefqa operazzjonali                  | Impenji   | (1b)         | 0,170               | 0,070               | 0,030               | 0,030               | <b>0,300</b> |
|                                                | Pagamenti | (2b)         | 0,170               | 0,070               | 0,030               | 0,030               | <b>0,300</b> |
| <b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet għall-EEA</b> | Impenji   | =1a+1b<br>+3 | <b>0,650</b>        | <b>0,558</b>        | <b>0,497</b>        | <b>0,506</b>        | <b>2,212</b> |
|                                                | Pagamenti | =2a+2b<br>+3 | <b>0,650</b>        | <b>0,558</b>        | <b>0,497</b>        | <b>0,506</b>        | <b>2,212</b> |

|                                                                                              |           |       | <b>2024</b>  | <b>2025</b>  | <b>2026</b>  | <b>2027</b>  | <b>Total</b> |
|----------------------------------------------------------------------------------------------|-----------|-------|--------------|--------------|--------------|--------------|--------------|
| <b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA 3 tal-qafas finanzjarju pluriennali</b> | Impenji   | =4+ 6 | <b>0,650</b> | <b>0,558</b> | <b>0,497</b> | <b>0,506</b> | <b>2,212</b> |
|                                                                                              | Pagamenti | =5+ 6 | <b>0,650</b> | <b>0,558</b> | <b>0,497</b> | <b>0,506</b> | <b>2,212</b> |

Ġustifikazzjoni għall-kostijiet ta' hawn fuq:

Il-kostijiet tal-EEA jinkludu l-kost ta' żewġ FTE addizzjonali li se jistabbilixxu l-infrastruttura tal-IT għall-ġbir ta' oqsma ġodda tad-*data* (dwar l-użu tar-riżorsi u inkwinanti addizzjonali), jimmodifikaw u jespandu l-iskema XML biex tippermetti r-rapportar fil-livell tal-installazzjoni u għal attivitajiet agroindustrijali li għadhom kemm ġew inklużi, jaġġornaw il-Manwal għal Min Jirrapporta biex jiġu żgurati redditi konsistenti mill-operaturi/mill-Istati Membri, iwettqu sessjonijiet ta' taħriġ għal min jirrapporta mill-Istati Membri biex jintroduċu dawn ir-rekwiżiti l-ġodda, u sussegwentement jimmaniġġjaw ir-rapportar u d-*data* relatata.

Il-kostijiet tal-iżvilupp tal-infrastruttura tal-IT se jonqsu fit-tielet sena, peress li se jibqgħu biss il-kostijiet tal-manutenzjoni tal-infrastruttura tal-IT. Huwa preżunt li għall-ewwel sentejn, l-EEA se jkollha bżonn aktar riżorsi finanzjarji biex timmodernizza l-għodod eżistenti bħala riżultat tal-proposta legali.

Il-kostijiet tal-EEA jassumu żieda inflazzjonarja ta' 2 % u koeffiċjent ta' korrezzjoni għar-remunerazzjoni għad-Danimarka mill-1 ta' Lulju 2021 — 1,342. Dan ġie preżunt mhux mibdul għas-snin ta' wara.

Iż-żieda meħtieġa tal-kontribuzzjoni tal-UE għall-EEA se tiġi kkumpensata minn tnaqqis korrispondenti fil-pakkett tal-programm LIFE (linja baġitarja 09.0202 – *Ekonomija ċirkolari u kwalità tal-ħajja*).

(26) Output stmat iffinanzjat bl-appropriazzjonijiet operazzjonali

Mhux applikabbli

(27) L-impatt stmat fuq ir-riżorsi tal-EEA

☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva

☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (ittondjati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

|                                     | Sena<br>2024 | Sena<br>2025 | Sena<br>2026 | Sena<br>2027 | TOTAL        |
|-------------------------------------|--------------|--------------|--------------|--------------|--------------|
| Aġenti temporanji<br>(Gradi ta' AD) | 0,430        | 0,438        | 0,447        | 0,456        | 1,772        |
| <b>TOTAL</b>                        | <b>0,430</b> | <b>0,438</b> | <b>0,447</b> | <b>0,456</b> | <b>1,772</b> |

Rekwiżiti tal-persunal (FTE):

|                                     | Sena<br>2024 | Sena<br>2025 | Sena<br>2026 | Sena<br>2027 | TOTAL         |
|-------------------------------------|--------------|--------------|--------------|--------------|---------------|
| Aġenti temporanji<br>(Gradi ta' AD) | 2            | 2            | 2            | 2            | 2/sena        |
| <b>TOTAL</b>                        | <b>2</b>     | <b>2</b>     | <b>2</b>     | <b>2</b>     | <b>2/sena</b> |

Il-persunal tal-EEA se jistabbilixxi l-infrastruttura tal-IT li se tkun meħtieġa biex jiġi implimentati r-reviżjonijiet proposti u sussegwentement jimmaniġġja r-rapportar u d-*data* relatata. Dan it-titjib huwa relatat mal-kapaċità fiżika tal-fluss tar-rapportar (jiġifieri l-għadd u

n-natura tar-rapporti) u s-sistemi ta' appoġġ (gwida, taħriġ, eċċ.) biex tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti tagħhom mill-operaturi industrijali u mill-Istati Membri.

(28) Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani fil-Kummissjoni

Mhux applikabbli

(29) Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

- Il-proposta/l-inizjattiva:

☒ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

☐ teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.

☐ teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

(30) Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

- Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi

(31) Impatt stmat fuq id-dħul

Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.